ISSN 2467-3358

# RAPPORT ANNWALI




Single
Resolution Board

Merti tar-ritratti:
Qoxra: iStock.com/sanjeri
SRB, paġni 4, 18, 25, 36, 51 u 53; iStock.com/skegbydave, paġna 37; iStock.com/skegbydave, paġna 40; iStock.com/DragonImages, paġna 48; iStock.com/MarianVejcik, paġna 57.


| Print | ISBN 978-92-95206-72-4 | | doi:10.2877/70070 | FP-AA-17-001-MT-C |
|---|---|---|---|---|
| PDF | ISBN 978-92-95211-09-4 | ISSN 2467-3358 | doi:10.2877/645086 | FP-AA-17-001-MT-N |

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017.



© Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, 2017

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

# SRB — RAPPORT ANNWALI 2016

# WERREJ


1. DAĦLA 4

2. TAQSIRIET 7

3. INTRODUZZJONI 9

4. SOMMARJU EŻEKUTTIV 11

5. TĦEJJIJA TAR-RIŻOLUZZJONI 12

5.1. Għodod u politiki għall-ippjanar u l-azzjoni ta' riżoluzzjoni 18

5.1.1. Manwal dwar l-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni 18

5.1.2. Manwal dwar l-Immaniġġjar ta' Kriżijiet 19

5.1.3. Mudell tad-Data dwar l-Obbligazzjonijiet 19

5.1.4. Benchmarking tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni 21

5.1.5. MREL: approċċ li ttieħed fl-2016 u l-passi li jmiss 21

5.2. Tħejjija tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni 25

6. IL-QAFAS TAR-RIŻOLUZZJONI 27

6.1. Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali 27

6.2. Sorveljanza ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti 27

6.3. Kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra 28

7. KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA U RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI 33

7.1. Koordinazzjoni tal-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet istituzzjonali 33

7.2. Attività regolatorja 37

8. KOMUNIKAZZJONIJIET 39

9. FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI 42

9.1. Mekkaniżmu tal-kontribuzzjonijiet tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni 42

9.2. Investiment tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni 44

9.3. Mezzi alternattivi ta' finanzjament tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni 46

10. IL-ĠESTJONI TAR-RIŻORSI 47

10.1. Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja 47

10.2. Kontijiet Finali tal-2016 49

10.3. Riżorsi Umani 50

10.4. Akkwisti 51

10.5. Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni 52

10.6. Faċilitajiet 53

**11. GOVERNANZA 54**

11.1. Tilwim 54

11.2. Segretarjat Korporattiv 54

11.3. Konformità 55

11.4. Awditjar intern 56

11.5. Awditjar estern 56

**12. BORD TAL-APPELL 57**

**13. RAPPORT MILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI RIGWARD L-2015 58**

**14. DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI 59**

**15. ANNESSI 60**

15.1. Organigramma 60

15.2. Implimentazzjoni tal-baġit tal-2016 61

15.3. Pjan ta' Stabbiliment tal-2016 67

15.4. Għadd tal-persunal skont in-nazzjonalità 68

15.5. Kontijiet Finali tal-2016 69

15.6. Proċeduri tal-akkwist li tniedu fl-2016 71

15.7. Sommarju tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) mill-Programm ta' Ħidma tal-2016 tal-SRB 72

15.8. Membri tas-Sessjoni Plenarja fl-2016 75

15.9. Glossarju 76

# 1. DAĦLA



Ninsab kuntenta li qed nintroduċi r-Rapport Annwali tal-SRB għall-2016, li kienet it-tieni sena operattiva tagħna bħala Aġenzija indipendenti tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-ewwel sena tagħna wara li assumejna s-setgħat kollha ta' riżoluzzjoni skont il-Qafas Regolatorju Ewropew. Rigward il-missjoni tagħna, li niżguraw riżoluzzjoni ordnata ta' banek inadempjenti b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali u fuq il-finanzi pubbliċi, b'kunfidenza nista' ngħid li progressivament din qed issir realtà fl-Unjoni Bankarja.

L-SRB, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab nazzjonali tiegħu, l-Awtoritajiet ta' Riżoluzzjoni Nazzjonali (NRAs), hu responsabbli biex jikseb ir-riżolvibbiltà ta' banek sinifikanti. Din il-ħidma konġunta kienet effettiva fl-2016. L-SRB u l-NRAs jikkumplimentaw lil xulxin f'termini ta' għarfien espert u ta' riżorsi, u l-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju tal-informazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) irrappreżentaw ingredjenti essenzjali biex nimxu lejn qafas ta' riżoluzzjoni robust. Matul dawn l-aħħar sentejn, fl-Unjoni Bankarja ttieħdu diversi passi sinifikanti rigward l-ippjanar għal riżoluzzjoni, l-ippreparar għal kriżijiet u t-teħid ta' azzjonijiet, meta jkunu meħtieġa. L-SRB kompla wkoll jibni r-riżorsi finanzjarji tiegħu, saħħaħ il-qafas tal-politika u tal-koordinazzjoni tiegħu u kkonsolida l-organizzazzjoni tiegħu billi investa f'infrastruttura u f'ICT ġodda.

Meta nħarsu lejn il-progress li sar fl-2016, nixtieq infakkar li 141 bank kienu taħt il-mandat tal-SRB u fl-2016 l-ebda wieħed minnhom ma tpoġġa taħt riżoluzzjoni. Madankollu, l-ewwel deċiżjoni ta' riżoluzzjoni kellha tgħaddi f'Ġunju 2017 bil-bejgħ ta' Banco Popular EspañolS.A. lil Banco Santander S.A. bl-użu tas-setgħat ta' riżoluzzjoni tal-SRB. Id-deċiżjoni ġiet implimentata mill-NRA Spanjola, l-FROB (l-Awtorità Eżekuttiva Spanjola ta' Riżoluzzjoni). Dan il-każ wera l-funzjonament tal-qafas ta' riżoluzzjoni attwali, li jippreserva l-flus tal-kontribwenti u jipprevjeni effetti negattivi fuq l-istabbiltà tas-suq finanzjarju.

Madankollu, l-SRB jikkunsidra l-mandat tiegħu primarjament bħala preventiv u bħala wieħed li jħares 'il quddiem. F'termini konkreti, l-SRB, flimkien mal-NRAs, lestew l-ewwel u t-tieni ċiklu tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni fi ħdan Timijiet Interni ta' Riżoluzzjoni (IRTs) transfruntieri, li kopru l-maġġor parti tal-gruppi bankarji billi fl-2016 adottaw pjanijiet għal dawn l-entitajiet. Filwaqt li l-ippjanar ta' riżoluzzjoni miexi sew, dan ma jfissirx li twettqet il-missjoni tagħna. L-ippjanar ta' riżoluzzjoni hu proċess pluriennali. Għad iridu jiġu żviluppati numru ta' pjanijiet u l-pjanijiet eżistenti jridu jiġu żviluppati aktar u jiġu aġġornati biex jikkunsidraw bidliet fi ħdan il-banek u s-swieq. L-abbozzar tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni hu kompitu kontinwu u fil-mixja 'l quddiem jeħtieġ li niffukaw fuq it-titjib u fuq it-tħaddim tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

L-ippjanar ta' riżoluzzjoni jfisser ukoll l-issettjar ta' Rekwiżiti Minimi għal Fondi Proprji u għal Obbligazzjonijiet Eliġibbli (MREL) għaliex l-MREL huma għodda ewlenija biex tinkiseb ir-riżolvibbiltà. Fl-2016, l-SRB adotta approċċ preliminari u kkalkula l-livelli informattivi tal-MREL għall-gruppi bankarji ewlenin, biex il-banek ikunu jistgħu jippreparaw għal miri vinkolanti futuri u jadattaw l-istrutturi ta' finanzjament tagħhom jekk ikun meħtieġ.

Il-kalkolu tal-MREL u kompiti oħra relatati ta' riżoluzzjoni jiddependu ħafna mid-disponibbiltà ta' data preċiża mill-banek. Fl-2016, l-SRB kien qed jidentifika l-ħtiġijiet essenzjali tad-data tiegħu. Għal data li ma kinitx qed tingħabar diġà mill-awtoritajiet l-oħra – b'mod partikolari l-BĊE – l-SRB introduċa proċessi ta' rapportar ta' data ġodda mal-banek u nieda eżerċizzju ta' ġbir ta' data. Tagħlima meħuda mill-ewwel ċiklu tal-ġbir ta' data hi li ħafna banek iridu jtejbu b'mod sinifikanti d-disponibbiltà u l-kwalità tad-data rapportata kif ukoll il-veloċità li biha titwassal l-informazzjoni. Data robusta u f'waqtha mhix rilevanti biss għall-issettjar tal-MREL, iżda għandha rwol importanti wkoll fil-valutazzjoni tal-fattibbiltà ta' għodod ta' riżoluzzjoni fi żminijiet ta' kriżi. L-aktar esperjenza riċenti tagħna ta' riżoluzzjoni enfasizzat l-importanza tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni u l-ħtieġa li jkun hemm data adegwata disponbbli fi żmien qasir f'każ ta' riżoluzzjoni.

Mill-2016, l-SRB kien ukoll responsabbli għall-kalkolu u għall-ġbir ta' kontribuzzjonijiet ex ante għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF), appoġġjat ħafna minn u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-NRAs. L-ammont miżmum fl-SRF fit-tmiem tal-2016 kien ta' EUR 10.78 biljun. Fl-2016, l-SRB ffirma wkoll Ftehimiet dwar Faċilità ta' Self ma' 16 minn 19-il Stat Membru parteċipanti, biex – bħala l-aħħar soluzzjoni – ikun kopert kwalunkwe nuqqas finanzjarju fil-każ ta' użu tal-fond matul il-fażi ta' tiswir tiegħu. Il-Ftehimiet dwar Faċilità ta' Self li jifdal ġew iffirmati kmieni fl-2017.

Għall-SRB, djalogu kostanti mhux biss mal-banek, iżda anki mal-awtoritajiet u mal-istituzzjonijiet l-oħra kif ukoll mal-pubbliku ġenerali kien prijorità mill-bidu nett, bl-għan li jkun hemm l-akbar trasparenza possibbli. Fl-2016, kellna l-ewwel konferenza pubblika tagħna, organizzajna tliet djalogi industrijali u l-Membri tal-Bord għamlu diskorsi u attendew avvenimenti pubbliċi madwar l-Ewropa u lil hinn minnha.

Id f'id mal-ħidma operattiva tagħna fuq l-ippjanar ta' riżoluzzjoni matul is-sena, l-SRB segwa mill-qrib u kkontribwixxa għall-iżviluppi regolatorji Ewropej u internazzjonali kontinwi. Ħdimna f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), fejn l-esperti tagħna appoġġjaw l-iżvilupp ta' politika u ta' standards relatati mar-riżoluzzjoni fil-livell tekniku. Fil-livell tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja, l-SRB impenja ruħu fil-koordinazzjoni internazzjonali u fil-proċess tal-iżvilupp ulterjuri u t-tħaddim ta' standards globali ta' riżoluzzjoni.

Fil-livell Ewropew, aħna kkontribwixxejna wkoll għad-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istandard tal-Kapaċità Totali tal-Assorbiment tat-Telf (TLAC) fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Fir-rigward tal-proposti leġiżlattivi attwali biex jiġi emendat il-Qafas Regolatorju tagħna, l-SRB ipprovda l-għarfien espert tiegħu lill-istituzzjonijiet Ewropej b'attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat qafas b'saħħtu b'biżżejjed flessibbiltà għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u fuq aspetti ta' proporzjonalità.

Hemm aktar x'isir: Għad hemm bżonn reali li l-liġijiet nazzjonali jiġu armonizzati biex titjieb it-tħejjija tar-riżoluzzjoni. Għall-fini tal-liġi tal-insolvenza, il-kjarifika tal-ġerarkija tal-kredituri biex tiġi ffaċilitata

applikazzjoni effiċjenti tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna hi ċentrali, bħalma hi ċ-ċarezza f'termini tal-eliġibbiltà tal-MREL. L-SRB hu wkoll ippreparat biex jgħin f'aktar ħidma lejn Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u reġim tal-insolvenza effettiv għall-banek fl-Istati Membri kollha. It-tnejn jikkumplimentaw ir-reġim ta' riżoluzzjoni Ewropew u jkomplu jsaħħu l-istabbiltà finanzjarja.

B'ħarsa 'l quddiem, ser inkomplu noperalizzaw il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, niżviluppaw l-MREL fil-livell tal-entità għall-gruppi bankarji ewlenin kollha u nindirizzaw il-kwalità u l-pożizzjoni tal-MREL fi ħdan grupp. Ser napprofondixxu wkoll il-ħidma analitika tagħna dwar l-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta u l-għodod, il-funzjonijiet kritiċi u l-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà. Sabiex noperalizzaw il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni b'suċċess, il-banek għandhom iqawwu l-isforzi tagħhom ukoll, l-aktar fil-qasam tal-infrastruttura tal-IT u d-disponibbiltà ta' data immedjata komprensiva. Dan mhux biss se jgħin l-SRB u jtejjeb ir-riżolvibbiltà, iżda ser jippermetti wkoll biex il-maniġment tal-banek itejjeb il-prestazzjoni minn perspettiva pluriennali.

Barra minn hekk, l-analiżi tagħna wriet li għandna bżonn nindirizzaw il-kwistjoni tal-likwidità fir-riżoluzzjoni, li timplika żewġ dimensjonijiet: Minn naħa, il-banek għandhom jippreparaw u jistabbilixxu pjanijiet ta' finanzjament realistiċi. Min-naħa tagħna, irridu nħarsu lejn ir-rahan ta' assijiet, nidentifikaw sorsi ta' finanzjament privati u pubbliċi disponibbli, inkluża d-determinazzjoni tal-kapaċitajiet u tal-limiti tal-SRF. Għandu jitqies ukoll l-involviment xieraq tal-Banek Ċentrali Nazzjonali u tal-BĊE.

L-iżvilupp tal-funzjoni ta' sorveljanza tagħna fir-rigward ta' Istituzzjonijiet Inqas Sinifikanti (LSIs) hu prijorità oħra. F'dan, l-NRAs ser ikollhom rwol ċentrali. L-NRAs jafu l-karatteristiċi speċifiċi u l-ambjent lokali tal-banek iż-żgħar b'mod partikolarment tajjeb u, skont ir-Regolament tal-SRM, huma direttament inkarigati bl-ippjanar ta' riżoluzzjoni għal diversi LSIs. Ninsab kunfidenti ħafna li l-kooperazzjoni tagħna mal-NRAs ser tirnexxi f'dan il-qasam bħalma rnexxiet f'oħrajn. Il-konsistenza u l-proporzjonalità huma prinċipji ewlenin li f'dan il-qasam għandhom jiġu applikati madwar l-Unjoni Bankarja.

Fir-rigward tal-SRF, aħna ser inkomplu ntejbu l-mekkaniżmu tal-ġbir tal-kontribuzzjonijiet, nimplimentaw il-politika ta' investiment, u nkomplu naħdmu fuq l-għażliet ta' finanzjament. F'dan il-kuntest, l-SRB ser ikompli jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-garanzija ta' kontinġenza komuni mal-istituzzjonijiet tal-UE. Fl-2017, wara l-adattamenti leġiżlattivi meħtieġa, is-sistema finali għall-kontribuzzjonijiet amministrattivi mill-banek għall-SRB għandha tiġi implimentata wkoll.

Kollox ma' kollox, minkejja ħafna sfidi, l-2016 kienet sena ta' suċċess. L-aħħar 18-il xahar kienu kkaratterizzati minn tħejjija b'saħħitha tal-kapaċitajiet tagħna u mill-ewwel każ ta' riżoluzzjoni taħt it-reġim ta' riżoluzzjoni l-ġdid tal-UE. Dan il-progress ma kienx ikun possibbli mingħajr il-kooperazzjoni mill-qrib mal-NRAs u x-xogħol u l-impenn dedikat tal-persunal tal-SRB u tal-Membri tal-Bord. Ippermettuli nikkonkludi u nirringrazzjahom ilkoll għall-kontributi tagħhom biex niksbu l-għan komuni tagħna. Ninsab kunfidenti li l-qafas ta' riżoluzzjoni stabbilit bħala rispons għall-kriżi finanzjarja se jissodisfa l-għanijiet tal-Unjoni Bankarja u li flimkien ser inkunu nistgħu niksbu l-missjoni tal-SRB.

**Elke König**
Il-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

# 2. TAQSIRIET

| | |
|---|---|
| **AT** | Aġent Temporanju |
| **BCBS** | Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja |
| **BĊE** | Bank Ċentrali Ewropew |
| **BERS** | Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku |
| **BoE** | Bank of England |
| **BRRD** | Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek |
| **BU** | Unjoni Bankarja |
| **CBCM** | Grupp għall-Immaniġġjar ta' Kriżijiet Transfruntieri |
| **CBR** | Rekwiżit ta' Bafer Kombinat |
| **CCP** | Kontroparti Ċentrali |
| **CMG** | Grupp għall-Immaniġġjar ta' Kriżijiet |
| **CoAg** | Ftehim ta' Kooperazzjoni |
| **COFRA** | Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni |
| **DĠ COMP** | Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni |
| **DĠ FISMA** | Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali |
| **DR** | Regolament Delegat |
| **EBA** | Awtorità Bankarja Ewropea |
| **ECOFIN** | Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji |
| **ECON** | Kumitat tal-PE għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji |
| **EDIS** | Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti |
| **EIOPA** | Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol |
| **ESMA** | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| **FDIC** | Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti |
| **FinSAC** | Ċentru Konsultattiv għas-Settur Finanzjarju |
| **FMI** | Fond Monetarju Internazzjonali |
| **FMI** | Infrastruttura tas-Suq Finanzjarju eż. CCP |
| **fmiCBCM** | Grupp għall-Immaniġġjar ta' Kriżijiet Transfruntieri għal FMIs |
| **FSB** | Bord għall-Istabilità Finanzjarja |
| **G-SIB** | Bank Globali ta' Importanza Sistemika |
| **GLRA** | Awtorità ta' Riżoluzzjoni fil-Livell tal-Grupp |
| **HR** | Riżorsi Umani |
| **ICS** | Standards ta' Kontroll Intern |
| **ICT** | Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| **IGA** | Ftehim Intergovernattiv |
| **IPC** | Impenn ta' Pagament Irrevokabbli |
| **IRT** | Tim Intern ta' Riżoluzzjoni |
| **IT** | Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| **JST** | Timijiet ta' Superviżjoni Konġunti |
| **KA** | Attributi Ewlenin ta' Reġimi ta' Riżoluzzjoni Effettivi għal Istituzzjonijiet Finanzarji |

| | |
|---|---|
| **KE** | Kummissjoni Ewropea |
| **KEF** | Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju |
| **KPI** | Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni |
| **LAA** | Ammont tal-Assorbiment tat-Telf |
| **LDT** | Mudell tad-Data dwar l-Obbligazzjonijiet |
| **LFA** | Ftehim dwar Faċilità ta' Self |
| **LSI** | Istituzzjoni Inqas Sinifikanti |
| **MCC** | Imposta fuq il-Fiduċja tas-Suq |
| **MES** | Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà |
| **MPE** | Punt ta' Dħul Multiplu |
| **MREL** | Rekwiżit Minimu għal Fondi Proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli |
| **MSU** | Mekkaniżmu Superviżorju Uniku |
| **MtQ** | Memorandum ta' Qbil |
| **NCA** | Awtorità Nazzjonali Kompetenti |
| **NRA** | Awtorità ta' Riżoluzzjoni Nazzjonali |
| **PE** | Parlament Ewropew |
| **QEA** | Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| **RAP** | Proċess ta' Valutazzjoni tar-Riżolvibbiltà |
| **RC** | Kulleġġ ta' Riżoluzzjoni |
| **RCA** | Ammont ta' Rikapitalizzazzjoni |
| **ReSG** | Grupp ta' Tmexxija ta' Riżoluzzjoni |
| **SGD** | Skema ta' Garanzija tad-Depożiti |
| **SM** | Stat Membru |
| **SPE** | Punt ta' Dħul Uniku |
| **SPV** | Veikolu bi Skop Speċjali |
| **SRB** | Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SREP** | Proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji |
| **SRF** | Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRM** | Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRMR** | Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **TFAK** | Task Force dwar Azzjoni Koordinata |
| **TLAC** | Kapaċità Totali tal-Assorbiment tat-Telf |
| **TREA** | Ammont tal-Iskopertura Totali għar-Riskju |
| **TRP** | Pjan ta' Riżoluzzjoni Tranżitorju |
| **UE** | Unjoni Ewropea |
| **XBRL** | Lingwaġġ tar-Rapportar Kummerċjali Estensibbli |

# 3. INTRODUZZJONI

Skont l-Art. 50 tal-SRMR, dan id-dokument jippreżenta r-rapport annwali 2016 tal-SRB, u jiddeskrivi l-attivitajiet u l-prestazzjoni tal-SRB fl-2016. Ix-xogħol li sar matul is-sena preċedenti għandu l-għan li jikseb u jimplimenta l-viżjoni, il-missjoni u l-mandat tal-SRB:

## A) IL-VIŻJONI TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) jistinka biex ikun awtorità ta' riżoluzzjoni fdata u rrispettata b'kapaċità ta' riżoluzzjoni b'saħħitha fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM), biex b'hekk jiġu evitati salvataġġi futuri. L-għan tal-SRB hu li jkun ċentru ta' għarfien espert fir-riżoluzzjoni tal-banek.

## B) IL-MISSJONI TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

L-SRB hu l-awtorità ċentrali ta' riżoluzzjoni fl-Unjoni Bankarja (BU). Flimkien mal-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Riżoluzzjoni (NRAs) tal-Istati Membri (SM) parteċipanti, hu jifforma l-SRM. L-SRB jaħdem mill-qrib mal-NRAs, mal-Kummissjoni Ewropea (KE), mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), mal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs). Il-missjoni tiegħu hu li jiżgura riżoluzzjoni ordnata ta' banek inadempjenti b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali u fuq il-finanzi pubbliċi tal-SM parteċipanti u lil hinn. Ir-rwol tal-SRB hu proattiv: minflok ma jistenna każijiet ta' riżoluzzjoni x'jimmaniġġja, l-SRB jiffoka fuq l-ippjanar ta' riżoluzzjoni u t-titjib tar-riżolvibbiltà, sabiex jiġu evitati l-impatti negattivi potenzjali ta' falliment bankarju fuq l-ekonomija u fuq l-istabbiltà finanzjarja.

## C) IL-MANDAT TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

Biex tittejjeb l-istabbiltà finanzjarja, l-SRB ser iħejji pjanijiet ta' riżoluzzjoni bħala attività progressiva. Jekk bank fi ħdan il-mandat tal-SRB jkun qed ifalli jew aktarx ifalli u jissodisfa l-kriterji għal riżoluzzjoni, l-SRB ser iwettaq ir-riżoluzzjoni tiegħu permezz ta' hekk imsejħa skema ta' riżoluzzjoni. L-SRB hu inkarigat ukoll mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) iffinanzjat mill-industrija, li ġie stabbilit biex jipprovdi finanzjament anċillari biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-iskemi ta' riżoluzzjoni taħt ċerti ċirkostanzi. Barra minn hekk, l-SRB jissorvelja l-funzjonament konsistenti tal-SRM kollu kemm hu. L-SRB ġie stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 806/2014 (ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjonijew l-SRMR), u fl-1 ta' Jannar 2015 beda jopera bħala aġenzija indipendenti tal-Unjoni Ewropea (UE). Fl-1 ta' Jannar 2016 hu assuma l-mandat legali sħiħ għall-ippjanar ta' riżoluzzjoni u għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kollha relatati mar-riżoluzzjoni.

Matul il-ħidma tiegħu l-SRB jibqa' responsabbli għall-partijiet ikkonċernati tiegħu.

## D) RESPONSABBILTÀ

L-SRMR jistabbilixxi qafas sostantiv u robust ta' responsabbiltà għall-attivitajiet tal-SRB fir-rigward tal-Parlament Ewropew (PE), tal-Kunsill tal-UE (il-Kunsill) u tal-KE.

Wieħed mill-mezzi ewlenin ta' responsabbiltà hu r-Rapport Annwali, li, skont l-SRMR (l-Artikolu 50(1)(g)), għandu jiġi adottat mill-SRB fis-Sessjoni Plenarja tiegħu. Imbagħad l-SRB għandu jgħaddih lill-PE, lill-parlamenti nazzjonali tal-SM parteċipanti, lill-Kunsill, lill-KE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).

Il-President għandu jippreżenta r-Rapport Annwali fil-pubbliku lill-PE u lill-Kunsill (l-Artikolu 45(3) tal-SRMR). Il-parlamenti nazzjonali tal-SM parteċipanti jistgħu jippreżentaw ukoll osservazzjonijiet motivati dwar ir-Rapport Annwali li għalihom ser iwieġeb l-SRB.

Għall-implimentazzjoni tal-SRMR, ir-rappreżentanti taċ-ċittadini Ewropej fil-PE jżommu lill-SRB responsabbli permezz ta' seduti pubbliċi regolari u skambji *ad hoc* ta' fehmiet mal-President waqt laqgħat tal-Kumitat tal-PE għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON). Fuq talba tal-Kunsill, il-President jista' jinstema' wkoll mill-Kunsill.

L-SRB jeħtieġlu jwieġeb verbalment jew bil-miktub għall-mistoqsijiet li jiġu indirizzati lilu mill-PE u mill-Kunsill. Il-parlament nazzjonali ta' SM parteċipanti jista' wkoll jistieden lill-President biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet dwar ir-riżoluzzjoni ta' entitajiet fl-SM rilevanti.

Fir-rigward tal-PE, fl-2016 il-President attenda diversi seduti pubbliċi li saru mill-Kumitat tal-ECON, li l-aħħar waħda minnhom saret fil-5 ta' Diċembru 2016 u li fiha l-President ippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-SRB għall-2017.

Bl-għan li jinforma u jikkomunika mal-pubbliku dwar il-ħidma, il-missjoni u l-mandat tiegħu, l-SRB laħaq b'mod attiv il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali billi ppubblika informazzjoni speċjali fuq is-sit web tiegħu, mexxa djalogi industrijali u għamel l-ewwel konferenza tal-SRB. Il-President u Membri oħra tal-Bord ukoll żaru pajjiżi individwali biex jibnu u jsaħħu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali rilevanti.

# 4. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Is-sena 2016 kienet stadju importanti għall-SRB. Kienet it-tieni sena ta' ħidma tal-SRB u l-ewwel sena li fiha l-orgnizzazzjoni assumiet is-setgħat kollha ta' riżoluzzjoni. L-SRB għamel progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-mandat tiegħu billi adotta pjanijiet ta' riżoluzzjoni, stabbilixxa l-SRF u saħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u regolatorja. Għalhekk, l-SRB iffoka fuq l-oqsma operazzjonali prinċipali li ġejjin:

(i) l-iżgurar tat-tħejjija tar-riżoluzzjoni;

(ii) l-istabbiliment u l-ġestjoni tal-SRF;

(iii) it-trawwim u t-twessigħ tal-kooperazzjoni; u

(iv) il-konsolidazzjoni tal-bini tal-kapaċità tiegħu (ir-riżorsi umani (HR), il-finanzi u l-akkwist, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u l-faċilitajiet).

L-għanijiet ewlenin identifikati fl-Prijoritajiet ta' Ħidma tal-SRB tal-2016 intlaħqu, u l-kisbiet ewlenin tal-SRB kienu:

- L-SRB assuma s-setgħa ta' riżoluzzjoni kollha tiegħu, billi kopra 141 bank. Fl-2016, flimkien mal-NRAs, l-SRB abbozza u adotta 92 pjan ta' riżoluzzjoni. L-SRB żied il-kapaċità tiegħu li jaġixxi malajr u b'mod deċiżiv (i) billi stabbilixxa 76 IRT, (ii) billi stabbilixxa 26 Kulleġġ ta' Riżoluzzjoni (RCs) u (iii) billi ngħaqad ma' tmiem Gruppi għall-Immaniġġjar ta' Kriżijiet (CMGs). Għall-ewwel darba, b'għajnuna mill-NRAs, l-SRB ġabar data rilevanti għall-ippjanar ta' riżoluzzjoni mill-gruppi bankarji ewlenin kollha taħt il-mandat tiegħu bl-użu tal-Mudell tad-Data dwar l-Obbligazzjonijiet (LDT), li jipprovdi data granulari dwar l-obbligazzjonijiet u, b'mod partikolari, jiffaċilita l-issettjar ta' rekwiżiti minimi għall-fondi proprji u għall-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) u l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni bħar-rikapitalizzazzjoni interna.
- Stadju importanti ieħor fl-2016 kien il-finalizzazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni (COFRA) bejn l-SRB u l-NRAs, u l-finalizzazzjoni tal-Arranġamenti Interni li jħaddmu ċerti dispożizzjonijiet tal-COFRA. Barra minn hekk, fl-2016 il-Kumitat għar-Riżoluzzjoni, il-Kumitati tal-Fond u l-Kumitat Amministrattiv u tal-Baġit (ABC) ġew stabbiliti bħala l-pjattaformi ewlenin għall-iżvilupp ta' metodoloġiji u approċċi komuni fi ħdan l-SRM flimkien mal-qsim ta' esperjenzi mal-NRAs.
- L-SRF irċieva EUR 6.4 biljun ta' kontribuzzjonijiet ex ante tal-2016, kif ikkalkolat mill-SRB. L-SRB ser ikompli jikkalkula l-kontribuzzjonijiet ex ante mill-2016 'il quddiem. Barra minn hekk, il-Bord adotta l-ewwel Strateġija tal-Investiment u mudell ta' esternalizzazzjoni għal attivitajiet ta' investiment. L-SRB ffirma wkoll Ftehimiet dwar Faċilità ta' Self ma' 16 mid-19-il SM parteċipanti.
- L-SRB ħa sehem fil-gruppi kollha relatati mar-riżoluzzjoni tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) u vvaluta tmien banek globali Ewropej ta' importanza sistemika (G-SIBs) permezz tal-Proċess ta' Valutazzjoni tar-Riżolvibbiltà (RAP). L-SRB ikkontribwixxa wkoll l-għarfien espert tiegħu għal diskussjonijiet regolatorji dwar (i) it-traspożizzjoni tal-Ftehim tal-Kapaċità Totali tal-Assorbiment tat-Telf (TLAC) fil-leġiżlazzjoni tal-UE, (ii) ir-riżoluzzjoni dwar l-infrastruttura tas-suq finanzjarju, (iii) l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u (iv) il-Garanzija ta' Kontinġenza Komuni.

# 5. TĦEJJIJA TAR-RIŻOLUZZJONI

Filwaqt li mill-1 ta' Jannar 2015 l-SRB ġie stabbilit bħala Aġenzija indipendenti tal-UE, il-Bord m'assumiex is-sett sħiħ ta' setgħat ta' riżoluzzjoni tiegħu qabel l-1 ta' Jannar 2016. Għalhekk, iż-żieda fit-tħejjija tar-riżoluzzjoni u l-kisba ta' progress bl-abbozzar tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kienu prijoritajiet ewlenin għall-SRB matul l-2016.

L-ippjanar ta' riżoluzzjoni hu proċess, mhux prodott. Għalhekk, ħafna mix-xogħol li sar fl-2016 kien ibbażat fuq il-pedament stabbilit mill-SRB u mill-NRAs fl-2015, u fis-snin li ġejjin ser jitjieb ir-riżultat taċ-ċiklu tal-ippjanar riċenti.

### L-IPPJANAR TA' RIŻOLUZZJONI HU KEMM PROĊESS ITERATTIV KIF UKOLL PROĊESS INTERATTIV

Fil-31 ta' Diċembru 2016, il-mandat tal-SRB kopra total ta' 141 bank, inklużi 126 grupp bankarju u 15-il grupp transfruntier ieħor. Wara li beda mis-36 Pjan ta' Riżoluzzjoni Tranżitorju (TRPs) li kien hemm f'Diċembru 2015, fl-2016 l-SRB, flimkien mal-NRAs, abbozzaw u adottaw total ta' 92 pjan ta' riżoluzzjoni.

Bħala riżultat taċ-ċiklu tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni tal-2016, l-SRB llum jinsab f'pożizzjoni aħjar fir-rigward tal-fehim tal-gruppi bankarji u l-operalizzazzjoni tal-istrateġiji ta' riżoluzzjoni. Meta mqabbel mas-sena ta' qabel, saru passi importanti 'l quddiem, li jippermettu lill-SRB jissodisfa l-mandat tiegħu li jagħmel il-banek riżolvibbli u jtaffi l-impatti ekonomiċi u pubbliċi ta' fallimenti tal-banek.

**Figura 1:** Proċess tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni



## KAXXA 1: X'INHU PJAN TA' RIŻOLUZZJONI?

Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni jippreparaw biex tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni għal gruppi bankarji. Taħt il-mandat tal-SRB, il-pjanijiet jitħejjew mill-SRB u mill-NRA u jiddeskrivu l-istrateġija ta' riżoluzzjoni li tista' tiġi implimentata biex jiġi riżolt grupp bankarju jekk ikun hemm bżonn.

Pjan ta' riżoluzzjoni jinkludi deskrizzjoni tal-grupp bankarju (l-istruttura tal-grupp, il-funzjonijiet kritiċi, il-linji operatorji ewlenin u l-entitajiet materjali), strateġija ta' riżoluzzjoni preferuta (notevolment il-punt tad-dħul u l-għodod ta' riżoluzzjoni preferuti jekk il-grupp ma jkunx jista' jitpoġġa fi proċedimenti ta' insolvenza normali), l-impedimenti għall-istrateġija ta' riżoluzzjoni, pjan ta' implimentazzjoni biex jindirizzahom u livell fil-mira tal-MREL.

Fl-2016, il-livelli fil-mira tal-MREL ma kinux inklużi fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni. [1] Madankollu, ġew ikkomunikati livelli fil-mira informattivi lil xi wħud mill-gruppi bankarji taħt il-mandat tal-SRB li għalihom jeżisti pjan ta' riżoluzzjoni.

Meta jitqiesu l-livelli differenti ta' tħejjija tal-banek, l-SRB żviluppa approċċ imfassal apposta għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-2016, li jvarjaw fir-rigward tal-livell ta' dettall. Il-granularità tal-informazzjoni mogħtija fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-2016 kienet ibbażata fuq diversi fatturi, inkluż (i) l-eżistenza preċedenti ta' TRP fl-2015, (ii) il-kriterji tad-daqs, (iii) fattur ta' "riskju" u (iv) l-ispeċifiċità ta' kull grupp bankarju, speċjalment f'termini ta' tħejjija tar-riżoluzzjoni.

Fl-2016, żewġ tipi ta' pjanijiet eżistew flimkien: Pjanijiet ta' Riżoluzzjoni Tranżitorji u verżjoni aktar komprensiva msejħa pjan ta' riżoluzzjoni tat-"Tieni Fażi". Il-kontenut minimu ta' dawn il-pjanijiet ġie deċiż mill-SRB u fl-hekk imsejjaħ Manwal dwar l-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni [2], li jiddeskrivi l-elementi kollha li għandhom neċessarjament jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' riżoluzzjoni sħaħ, jingħataw spjegazzjonijiet dettaljati.

[1] Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 5.2.5 għal preżentazzjoni dettaljata tal-approċċ tal-MREL tal-SRB.

[2] Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għas-sit web tal-SRB, speċjalment il-paġna "Introduzzjoni għall-ippjanar ta' Riżoluzzjoni" (*"Introduction to Resolution Planning"*): https://srb.europa.eu/en/node/163

L-ippjanar ta' riżoluzzjoni hu proċess iterattiv. Il-banek huma entitajiet dinamiċi li kontinwament jadattaw għall-ambjent ekonomiku u regolatorju li qed jinbidel. Sussegwentement, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu riveduti regolarment u, jekk ikun meħtieġ, modifikati biex iqisu dawn il-bidliet importanti li jistgħu jkollhom impatt fuq l-istrateġiji ta' riżoluzzjoni jew fuq il-valutazzjoni ta' impedimenti potenzjali għall-implimentazzjoni xierqa tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta identifikata.

**Figura 2:** L-erba' blokok ewlenin ta' pjan ta' riżoluzzjoni




*Sors:* SRB

## PJAN TA' ĦIDMA AMBIZZJUŻ ĦAFNA GĦALL-2016

Fl-2016, l-SRB għamel impenn biex jabbozza pjanijiet ta' riżoluzzjoni għal 90% tal-gruppi bankarji ewlenin taħt il-mandat tiegħu. Peress li l-2016 kienet biss it-tieni sena operattiva tal-SRB u l-kapaċità tal-organizzazzjoni kienet għad trid tinbena, il-kisba ta' dan l-għan kienet impjenattiva. Ir-riżorsi umani ddedikati għall-ippjanar ta' riżoluzzjoni matul is-sena żdiedu gradwalment kemm fl-SRB kif ukoll fl-NRAs.

Minħabba li l-proċess tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni kien wieħed ġdid u kumpless, l-SRB, flimkien mal-NRAs, kellhom kemm jirrazzjonalizzaw kif ukoll jissimplifikaw il-proċess tal-abbozzar tal-pjan ta' riżoluzzjoni, filwaqt li jqisu wkoll is-sitwazzjoni speċifika ta' kull bank f'termini tat-tħejjija tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni. Bħala riżultat, fl-2016 ġew stabbiliti diversi azzjonijiet, primarjament:

- l-organizzazzjoni ta' eżerċizzju ta' ġbir ta' data: mudelli li għandhom jimtlew minn banek kienu jinkludu (i) Mudell tad-Data dwar l-Obbligazzjonijiet (LDT) u (ii) il-mudelli tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), bl-għan li, għal skopijiet ta' riżoluzzjoni, tinġabar l-informazzjoni kollha rilevanti li għadha mhix disponibbli minn sorsi superviżorji oħra;
- l-istabbiliment ta' forums dedikati għall-iskambju ta' informazzjoni u għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet speċifiċi għall-banek fil-kuntest tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni: IRTs u RCs;
- il-ħolqien ta' sessjonijiet ta' ħidma organizzati fil-preżenza ta' rappreżentanti tal-banek biex jiġi żgurat livell xieraq ta' djalogu, ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-banek u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.

## KISBIET EWLENIN FL-2016

Fl-2016 l-SRB, flimkien mal-NRAs, abbozzaw total ta' 92 pjan ta' riżoluzzjoni u dawn ġew adottati mis-Sessjoni Eżekuttiva (imqabbla ma' 36 fl-2015), li minnhom:

- 59 kienu pjanijiet ta' riżoluzzjoni tat-"Tieni Fażi" (imqabbla ma' 0 fl-2015);
- 33 kienu TRPs (imqabbla mas-36 fl-2015).

## IL-KOORDINAZZJONI BEJN L-AWTORITAJIET KIENET FUNDAMENTALI

L-ippjanar ta' riżoluzzjoni hu proċess li jinvolvi l-kontribuzzjonijiet ta' ħafna parteċipanti. In-numru ta' kontributuri jvarja b'mod sinifikanti skont l-impronta ġeografika ta' kull grupp bankarju. L-SRB u l-NRAs rilevanti naturalment huma l-kontributuri ewlenin għall-ippjanar ta' riżoluzzjoni. Madankollu, parteċipanti oħra, bħall-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), l-NRAs minn SM mhux parteċipanti u l-KE, bħala osservatur fil-Bord tal-SRB, ukoll kienu involuti u rispettivament ikkonsultati matul il-fażi tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni fl-2016.

Il-koordinazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kellha importanza kbira ħafna fil-proċess tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni. B'mod li jikkorrispondi għal ħtiġijiet ta' koordinazzjoni differenti tal-proċess tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni, fl-2016 ġew stabbiliti żewġ forums distinti:

- IRTs; u
- RCs.

**Figura 3:** Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni - ħarsa ġenerali lejn il-progress tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni għall-banek tal-SRB fl-Unjoni Bankarja fl-2016

**141** – Banek taħt il-mandat tal-SRB u 130 grupp bankarju

**98** – Pjanijiet ta' Riżoluzzjoni*

**76** – Timijiet Interni ta' Riżoluzzjoni

**26** – Kulleġġi ta' Riżoluzzjoni

| | Banek |
|---|---|
| IL-BELĠJU | 8 |
| IL-ĠERMANJA | 24 |
| L-ESTONJA | 2 |
| L-IRLANDA | 5 |
| IL-GREĊJA | 4 |
| SPANJA | 14 |
| FRANZA | 14 |
| L-ITALJA | 16 |
| ĊIPRU | 5 |
| IL-LATVJA | 4 |
| IL-LITWANJA | 3 |
| IL-LUSSEMBURGU | 6 |
| MALTA | 3 |
| IN-NETHERLANDS | 8 |
| L-AWSTRIJA | 10 |
| IL-PORTUGALL | 5 |
| IS-SLOVENJA | 3 |
| IS-SLOVAKKJA | 3 |
| IL-FINLANDJA | 4 |




* Tinkludi 92 Pjan ta' Riżoluzzjoni Tranżitorji u Pjanijiet tat-Tieni Fażi u 6 Pjanijiet tal-ospitanti.

Biex jiġi kkoordinat aħjar l-abbozzar tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u biex jiġi żgurat skambju tal-informazzjoni bla intoppi bejn l-NRAs, inħolqu l-IRTs biex jiġu koperti l-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB. Fl-2016, tnedew uffiċċjalment 76 IRT u dawn ikkontribwixxew għall-eżerċizzju ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni.

Sabiex ix-xogħol bejn l-Awtoritjiet ta' Riżoluzzjoni fil-Livell tal-Grupp (GLRAs) u l-NRAs tal-SM li mhumiex parteċipanti jiġi kkoordinat, twaqqfu l-RCs. B'kollox, fl-2016 ġew stabbiliti 26 RC bl-għan li jintlaħqu deċiżjonijiet konġunti għal gruppi stabbiliti fiż-żona tal-euro u b'mill-inqas entità waħda stabbilita f'pajjiż tal-UE iżda mhux taż-żona tal-euro.

Finalment, it-tmien CMGs li qabel ġew żviluppati għal G-SIBs kienu l-forums dedikati għad-diskussjoni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' G-SIBs b'NRAs minn SM jew minn Stati Membri mhux tal-UE (Pajjiżi Terzi).

**Figura 4:** Illustrazzjoni ta' skeda ta' żmien għal pjan ta' riżoluzzjoni mingħajr RC




*Sors*: SRB

## KISBIET EWLENIN FL-2016

- B'kollox ġew stabbiliti 76 IRT.
- B'kollox ġew stabbiliti 26 RC.
- Ġew organizzati tmien CMGs.

**Figura 5:** Qafas ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni




Sors: SRB

## IL-ĦTIEĠA LI JIĠI STABBILIT LIVELL XIERAQ TA' DJALOGU MAL-BANEK

Għall-ħtieġa speċifika tal-abbozzar ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni fl-2016, l-SRB, f'kooperazzjoni msaħħa mal-NRAs, organizza sessjonijiet ta' ħidma tematiċi mal-banek. Il-format u s-suġġetti li ġew diskussi matul is-sessjonijiet ta' ħidma kienu mfassla apposta biex jindirizzaw is-suġġetti speċifiċi ta' rilevanza għal kull grupp bankarju. Meta jitqies kull grupp bankarju li għalih ġie abbozzat pjan tat-Tieni Fażi, matul l-2016 saru 236 sessjoni ta' ħidma.

Dawn is-sessjonijiet ta' ħidma kinu utli ħafna biex (i) jispjegaw in-natura tax-xogħol tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni u x'kontribuzzjoni kienet mistennija mill-banek, (ii) tiġi skambjata l-informazzjoni u (iii) jiġi żgurat livell xieraq ta' djalogu mar-rappreżentanti tal-banek.

### KISBIET EWLENIN FL-2016

- B'kollox ġew organizzati 236 sessjoni ta' ħidma.
- F'104 sessjonijiet ta' ħidma ġew diskussi l-miri informattivi tal-MREL.
- Bħala medja, saru 2.65 sessjonijiet ta' ħidma għal kull bank (għal banek li kellhom sessjonijiet ta' ħidma).
- Bħala medja, għal kull G-SIB saru erba' sessjonijiet ta' ħidma.

### NIMXU 'L QUDDIEM

L-ippjanar ta' riżoluzzjoni hu kemm proċess iterattiv kif ukoll proċess interattiv li se jitjieb bil-koordinazzjoni mal-banek, mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u mal-partijiet ikkonċernati l-oħra involuti.

Issa li teżisti maġġoranza ta' pjanijiet, ser ikun meħtieġ li matul is-snin li ġejjin daw jittejbu, jiġu kkomplimentati u jiġu rfinuti. Għal dan il-għan, kmieni fl-2017 ġew stabbiliti prijoritajiet ta' ħidmabl-għan li l-kwalità u l-granularità tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni jitjiebu b'mod kostanti. Għal dak il-għan, intbagħtu ittri li jagħtu sommarju tal-pjanijiet u li jiddeksrivu l-prijoritajiet ta' ħidma ewlenin għall-2017 lill-banek li għalihom fl-2016 ġew abbozzati pjanijiet ta' riżoluzzjoni tat-Tieni Fażi.

**Tabella 1:** L-għanijiet ewlenin tal-SRB għall-2017 skont l-operazzjonal

| Qasam operazzjonali | Għanijiet ġodda | Għanijiet rikorrenti |
|---|---|---|
| TĦEJJIJA TAR-RIŻOLUZZJONI | • Li jsir aktar progress fit-tlestija ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għal gruppi bankarji ewlenin, inkluż dwar l-identifikazzjoni ta' funzjonijiet kritiċi, l-impedimenti materjali għal riżoluzzjoni u dwar kwistjonijiet relatati mal-likwidità fir-riżoluzzjoni.<br>• Li jiżviluppa l-MREL fil-livell tal-entità materjali fi ħdan gruppi bankarji ewlenin u anki li jibda jindirizza l-kwalità u l-pożizzjoni tal-MREL fi ħdan gruppi bankarji.<br>• Iwettaq eżerċizzju ta' benchmarking dwar il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni bl-għan li jallinja l-kwalità u l-profondità tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni eżistenti. Jiżviluppa aktar id-dokumentazzjoni interna dwar il-passi proċedurali biex jitħaddmu l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni.<br>• Jiżviluppa għodda ta' Q&A tal-SRM dwar attivitajiet relatati mar-rivoluzzjoni fi ħdan il-pjattaforma tal-ICT tal-SRM. | • Jiżviluppa pjanijiet ta' riżoluzzjoni tranżitorji għal kważi kull bank li jifdal taħt il-mandat tal-SRB.<br>• Jaġġorna l-Manwali dwar l-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni u dwar l-Immaniġġjar ta' Kriżijiet fid-dawl tal-esperjenza.<br>• Iwettaq eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika.<br>• Ikompli jtejjeb il-ħidma fl-IRTs u bejn l-IRTs u l-JSTs. |

*Sors: Silta mill-Programm ta' Ħidma 2017 tal-SRB*

## 5.1. Għodod u politiki għall-ippjanar u l-azzjoni ta' riżoluzzjoni

L-SRB, flimkien mal-NRAs, żviluppaw diversi għodod, inklużi proċeduri u mudelli għal aspetti ewlenin tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni.

Wara t-tnedija ta' eżerċizzju pilota ma' 10 banek u r-rispons riċevut, l-SRB, flimkien mal-NRAs, żviluppaw mudell immirat biex jiggwida l-banek fid-diversi passi tal-awtovalutazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi. Rigward il-likwidità fir-riżoluzzjoni, l-SRB ħadem mal-NRAs u ma' osservaturi biex itejjeb il-mudell tal-likwidità tal-BĊE. L-informazzjoni addizzjonali għandha tipprovdi l-awtoritajiet b'għodod imtejba biex jiġu mmonitorjati l-pożizzjonijiet ta' likwidità tal-banek u r-riżolvibbiltà tagħhom. L-SRB, flimkien mal-NRAs, żviluppa mudell ġdid li inkorpora l-Anness VIII tal-mudell provdut mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-KE 2016/1066, sabiex jiġbor informazzjoni addizzjonali dwar il-parteċipazzjoni tal-banek fl-insfrastrutturi tas-suq finanzjarju (FMIs). Id-data addizzjonali li tinġabar għandha ttejjeb il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet biex jinżamm l-aċċess għal FMIs fir-riżoluzzjoni u l-impatt potenzjali ta' aċċess li twaqqaf.

L-SRB kompla jaħdem ukoll fuq il-politika biex jiġu kkalkolati l-MRELs u pprovda l-banek b'miri informattivi. Hu avvanza wkoll il-ħidma tal-politika fuq il-kontinwità operattiva u t-tħaddim tal-għodod ta' riżoluzzjoni għall-finijiet tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni, li se jiġu żviluppati aktar fl-2017. Dan ix-xogħol sar f'kooperazzjoni mal-NRAs u fil-kuntest tal-kumitati rilevanti. Dawn il-politiki se jikkontribwixxu għall-Manwal dwar l-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni fl-2018, li se jiġi rivedut u aġġornat skont il-bżonn.

### 5.1.1. Manwal dwar l-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni

Fl-2016, l-SRB aġġorna l-Manwal dwar l-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni. Fuq is-sit web tal-SRB ([1]) ġiet ippubblikata verżjoni pubblika bl-isem "Introduzzjoni għall-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni". Id-dokument jagħti deskrizzjoni tal-banek taħt il-mandat tal-SRM u l-SRB, u jiddeskrivi l-kompiti tal-SRB. Hu jagħti wkoll informazzjoni rilevanti dwar l-ippjanar ta' riżoluzzjoni, inkluż dwar kwistjonijiet ta' politika bħal analiżi strateġika tan-negozju, l-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta, il-kontinwità finanzjarja u operattiva fir-riżoluzzjoni, pjanijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni,

([1]) http://srb.europa.eu/en/node/163



valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u l-opinjoni tal-bank.

### 5.1.2. Manwal dwar l-Immaniġġjar ta' Kriżijiet

Proċess ta' riżoluzzjoni fih numru importanti ta' sfidi legali, operattivi u organizzazzjonali. L-għan ewlieni tal-Manwal dwar l-Immaniġġjar ta' Kriżijiet huwa li jistabbilixxi dawn l-isfidi u jagħti gwida operattiva dwar kif għandhom jiġu indirizzati, filwaqt li jitqiesu l-fatturi ewlenin għad-determinazzjoni tal-kors xieraq ta' azzjoni f'xenarju partikolari u l-aqwa prattiki fost il-ġurisdizzjonijiet. Fil-bidu tal-2016, fis-Sessjoni Plenarja tal-SRB ġie ppreżentat aġġornament fuq il-Manwal dwar l-Immaniġġjar ta' Kriżijiet.

B'ħarsa 'l quddiem, fl-2017 l-SRB se jiffoka fuq il-finalizzazzjoni tal-Manwal dwar l-Immaniġġjar ta' Kriżijiet u fuq l-iżvilupp ta' politiki individwali li jikkomplementaw u japprofondixxu l-kontenut f'oqsma differenti, bħat-tħaddim tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-aspetti proċedurali. Il-manwal għandu jitqies bħala dokument dinamiku li hu soġġett għal aġġornamenti kontinwi, filwaqt li jqis l-għarfien espert u l-esperjenza li dejjem jikbru.

### 5.1.3. Mudell tad-Data dwar l-Obbligazzjonijiet

Għall-ewwel darba fl-2016, l-SRB ġabar data mill-gruppi bankarji ewlenin kollha taħt il-mandat tiegħu biex javvanza l-ippjanar ta' riżoluzzjoni u jiffaċilita d-deċiżjonijiet dwar l-iskemi ta' riżoluzzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' riżoluzzjoni fi kriżi, kif ukoll biex jippermetti analiżi aħjar tal-istruttura tal-obbligazzjonijiet tal-banek. Id-data, li ftit minnha ġiet mitluba f'livell għoli ta' granularità, ġiet ippreżentata f'LDT standardizzat, li ġie żviluppat fl-2015 bil-kooperazzjoni tal-SRB, l-NRAs, il-BĊE u l-EBA.

L-SRB kellu jikseb stampa ċara tal-istrutturi esterni u interni tal-finanzjament fost l-entitajiet legali kollha li potenzjalment jistgħu jkunu rilevanti għall-ippjanar ta' riżoluzzjoni, jiġifieri l-entitajiet tal-gruppi bankarji kollha inkorporati fl-UE li jiġbru depożiti, joħorġu titoli jew jinnegozjaw derivati.

Id-data li nġabret ġiet użata għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-banek, kif ukoll għall-analiżi tad-data minn perspettiva ta' politika orizzontali.

Il-ħtieġa ta' data granulari dwar l-obbligazzjonijiet ma kinitx limitata għall-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, iżda kienet importanti wkoll biex tippermetti s-separazzjoni tar-responsabbiltajiet relatati mal-funzjonijiet kritiċi fejn l-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta tkun ibbażata fuq l-għodda ta' bejgħ ta' negozju jew ta' bank tranżitroju.

Waqt kriżi, il-banek jeħtieġ ikunu kapaċi jirrapportaw id-data dwar l-obbligazzjonijiet fuq bażi ad hoc u f'format standardizzat. Sabiex jitnaqqsu kemm jistgħu l-iżbalji u tiżdied l-effiċjenza, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeħtieġ ikunu kapaċi jiġbru, jaħżnu, jipproċessaw u janalizzaw id-data li jirċievu b'mod kompletament awtomatizzat.

**Figura 6:** Skeda taż-żmien tal-proċess tal-LDT:




B'kollox, l-SRB, permezz tal-NRAs tal-SM tal-BU, ġabar data fil-format ta' files Excel minn 143 grupp bankarju taħt il-mandat tiegħu. Filwaqt li jitqies ir-rapportar fil-livelli individwali u konsolidati fost diversi entitajiet, b'kollox inġabru madwar 1 500 fajl Excel. L-istadji importanti tal-proċess tal-LDT tal-2016 jidhru fuq l-iskeda ta' żmien hawn taħt.

L-SRB irrikonoxxa l-isfida amministrattiva li l-introduzzjoni tal-LDT imponiet fuq il-banek, u għalhekk ġie adottat approċċ gradwali għall-ġbir ta' data. Id-data obbligatorja nżammet fil-livell minimu meħtieġ mill-BRRD, filwaqt li d-data mhux obbligatorja kellha tiġi pprovduta biss fuq bażi ta' prijorità jew tal-aqwa sforzi.

Mill-bidu tal-proċess tal-ġbir ta' data tal-2016, l-SRB ikkunsidra li l-banek ma kinux qed jipproduċu informazzjoni granulari fuq l-obbligazzjonijiet skont ir-rekwiżiti regolatorji jew finanzjarji eżistenti tar-rapportar, li, kieku jkollhom jidentifikaw sorsi tad-data manwalment u li l-iskadenzi kienu relattivament qosra. Sabiex tingħata gwida għall-banek, l-SRB ipproduċa nota ta' gwida, identifika l-prijoritizzazzjoni tar-rekwiżiti tad-data bl-użu ta' kodiċi bil-kuluri fil-mudell u wettaq proċess estensiv ta' mistoqsijiet u tweġibiet (Q&A).

Mat-tħabbir tal-proċess tal-LDT tal-2016, l-SRB enfasizza li l-mudell ma kienx fil-format finali tiegħu u li l-banek għandhom jistennew xi emendi fis-snin li ġejjin. Wara l-ġbir u l-analiżi tal-LDT tal-2016, l-SRB ikkonkluda li (i) l-iskoperturi intragrupp jenħtieġ li jkunu aktar trasparenti, (ii) is-sottomissjoni ta' rapport konsolidat wieħed minn kull entità omm tal-UE ma kinitx biżżejjed u (iii) in-numru ta' entitajiet relaturi jista' jitnaqqas.

Sabiex jibni fuq l-esperjenza li kiseb, l-SRB għamel xi bidliet fl-LDT għall-2017, kemm f'termini ta' kontenut kif ukoll f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni tal-entitajiet legali. Il-bidliet kellhom l-għan li, fejn possibbli, inaqqsu l-piż tar-rapportar fuq il-banek filwaqt li jfasslu apposta t-talba tal-informazzjoni lejn il-ħtiġijiet tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni (punt ta' dħul uniku (SPE) jew punti ta' dħul multipli (MPE)).

Barra minn hekk, matul l-2016 l-SRB lesta numru ta' passi biex tiżdied informazzjoni għall-mudell tal-2017 u biex jistabbilixxi proċess semiawtomatizzat tal-ġbir ta' data. Il-mudell se jipprovdi għal żieda fil-punti tad-data rrapportati kemm dwar it-tabelli mqassra kif ukoll dwar it-tabelli granulari.

Barra minn dan, ġew irfinati r-regoli li għandhom jiġu applikati għall-identifikazzjoni tal-entitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar għall-perjodu tal-ġbir ta' data tal-2017. L-ewwel nett, jenħtieġ li jiġu identifikati l-entitajiet taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-BBRD u l-SRMR. It-tieni nett, jenħtieġ li jiġu identifikati l-entitajiet ta' riżoluzzjoni li għalihom il-miżuri ta' riżoluzzjoni huma mistennija li jiġu applikati skont l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta. Finalment, jenħtieġ li jiġu ddeterminati s-sussidjarji rilevanti fi ħdan grupp ta' riżoluzzjoni, jiġifieri l-entitajiet li jipprovdu funzjonijiet kritiċi u/jew jirrappreżentaw aktar minn 5 % tal-assi mwieżna għar-riskju (RWAs), l-iskopertura tal-ingranaġġ jew l-introjtu operatorju totali tal-grupp (ta' riżoluzzjoni). Madankollu, l-IRTs ikollhom il-flessibbiltà li jaġġustaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar, eż. fejn ma ġewx identifikati l-entitajiet b'funzjonijiet kritiċi jew jekk ma tkunx għadha ġiet deċiża l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta.

### NIMXU 'L QUDDIEM

F'Diċembru 2016, l-LDT (Mudell tad-Data dwar l-Obbligazzjonijiet) u l-gwida relatata (Gwida għal-LDT) ġew ivvalidati mis-Sessjoni Plenarja tal-SRB u ppubblikati fuq is-sit web tal-SRB, li ta biżżejjed żmien għall-banek biex jibdew jippreparaw għall-ġbir ta' data tal-2017, skedat għal Mejju. Biex jiġu awtomatizzati l-ġbir, il-ħażna u l-analiżi sussegwenti tad-data, l-SRB beda proġett li jinvolvi l-applikazzjoni tat-teknoloġija tal-XBRL (Lingwaġġ ta' Rapportar Kummerċjali Estensibbli) u ppubblika t-tassonomija finali tal-XBRL tal-2016, inkluż regoli dwar il-validazzjoni, fit-tmiem ta' Marzu 2017. Il-proċess tal-LDT tal-2016 kellu suċċess kbir u l-SRB jistenna li l-proċess tal-LDT tal-2017 ikompli jitjieb u jkollu suċċess ukoll.

## 5.1.4. Benchmarking tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni

Fl-2016, l-SRB wettaq analiżi trażverżali tal-kapitoli ewlenin tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni. L-erżerċizzju ffoka fuq suġġetti bħall-funzjonijiet kritiċi, l-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta, il-likwidità, l-aċċess għal FMIs, il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u l-aspetti ta' rkupru. Minkejja li l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-2016 huma aktar komprensivi u strutturati aħjar mill-pjanijiet tal-2015, xorta għadhom meħtieġa li jiġu arrikkiti abbażi tal-metodoloġiji komuni (ġodda) tal-SRM. Għalhekk, ġew stabbiliti diversi task forces u netwerks biex jitjiebu l-politika, l-istandards u l-metodoloġiji orizzontali ta' riżoluzzjoni fil-Manwal dwar l-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni. Fl-2017, l-SRB ser jiżviluppa metodoloġija ta' benchmarking u se japplikaha għal kampjun ta' banek.

## 5.1.5. MREL: approċċ li ttieħed fl-2016 u l-passi li jmiss

Il-BRRD jeħtieġ li l-banek jissodisfaw MREL sabiex ikunu kapaċi jassorbu telf u jreġġgħu lura l-pożizzjoni kapitali tagħhom fir-riżoluzzjoni, li tippermetti lill-banek iwettqu kontinwament il-funzjonijiet ekonomiċi kritiċi tagħhom matul u wara riżoluzzjoni.

L-SRB hu impenjat li jimplimenta l-MREL matul il-BU, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti. L-Artikolu 12 tal-SRMR jeħtieġ li l-SRB jiddetermina l-MREL għal entitajiet u gruppi li jinsabu taħt is-superviżjoni diretta tal-BĊE, kif ukoll għal gruppi transfruntiera oħra tal-BU. NRAs fi ħdan il-BU huma responsabbli biex jissettjaw l-MREL għal istituzzjonijiet inqas sinifikanti (LSIs), f'konformità mal-gwida li tingħata mill-SRB.

L-iżvilupp ta' metodoloġija komuni tirrappreżenta sfida konsiderevoli meta titqies id-diversità mifruxa tal-gruppi bankarji fl-SM parteċipanti u l-ambjent regolatorju li qed jevolvi għall-MREL. Fil-fatt, ir-regoli attwali ġew iċċarati biss f'Mejju 2016, meta l-KE adottat ir-Regolament Delegat (DR) tagħha. Bl-istess mod, il-pubblikazzjoni tal-proposta leġiżlattiva riċenti tal-KE dwar ir-riforma bankarja tal-UE tista' tibdel il-qafas tal-futur, li jemenda l-BRRD u jaffettwa l-kalkoli tal-MREL. Madankollu, dan il-pajsaġġ regolatorju li qed jevolvi m'għandux jipprevjeni lill-SRB milli jiżviluppa u jibda jimplimenta mekkaniżmi effettivi għall-assorbiment tat-telf.

Għalhekk, fl-2016 l-SRB adotta approċċ preliminari lejn l-MREL. L-SRB qabel innota li fl-2016 ma kienx ser ikun hemm metodoloġija finali tal-MREL disponibbli għall-BU. Bħala riżultat, l-SRB iddeċieda li għall-2016 jikkalkola biss livelli konsolidati informattivi tal-MREL li mhumiex vinkolanti, li mhumiex infurzabbli u li ma jistgħux jiġu kkontestati, iżda li għandhom l-għan li jgħinu lill-banek jippreparaw għal miri futuri u gradwalment jadattaw l-istrutturi ta' finanzjament u l-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom, fejn ikun meħtieġ.

Fl-ewwel kwart tal-2016 l-SRB beda jinvolvi ruħu mal-industrija. F'laqgħa ta' Djalogu mal-Industrija ([2]) f'Jannar 2016, l-SRB stabbilixxa l-istadji ewlenin u l-prinċipji fundamentali tal-approċċ tiegħu u ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jinvolvi ruħu f'eżerċizzju tal-ġbir ta' data granulari dwar l-obbligazzjonijiet (ara t-taqsima 5.2.3 dwar il-Mudell tad-Data dwar l-Obbligazzjonijiet). Wara li pproċessa d-data u wettaq kontrolli orizzontali tal-kwalità u tal-konsistenza, u wara li f'Settembru 2016 inkorpora l-figuri l-ġodda abbozzati tal-Proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji (SREP) tal-BĊE, l-SRB irfina l-approċċ inizjali tiegħu. L-SRB u l-NRAs iffaċilitaw sessjonijiet ta' ħidma mal-banek biex jispjegaw fid-dettall il-metodoloġija u jfittxu rispons. L-SRB ikkomunika l-approċċ finali tiegħu tal-MREL għall-2016 permezz ta' Djalogu mal-Industrija ([3]) ieħor fit-28 ta' Novembru 2016.

([2]) http://srb.europa.eu/sites/srbsite/files/2nd_industry_dialoge_12-1-2016_-_mrel.pdf

([3]) https://srb.europa.eu/sites/srbsite/files/20161128_slides_industry_dialogue_mrel.pdf

**Figura 7:** Il-vjaġġ tal-MREL fl-2016 — ħarsa ġenerali tal-iskeda ta' żmien



## LIVELL U POST FIL-MIRA

Il-miri informattivi tal-MREL tal-SRB huma bbażati fuq id-DR 2016/1450 tal-KE, ippubblikat fit-23 ta' Mejju 2016, u ġew ikkalkolati bħala s-somma tal-komponenti li ġejjin:

1. Ammont tal-assorbiment tat-telf (LAA) li jikkonsisti mill-ogħla fost:
   a. l-aggregat tar-rekwiżiti kapitali minimu ta' bank (Pilastru 1); ir-rekwiżit tal-Pilastru 2 tiegħu; u r-rekwiżit ta' bafer kombinat (CBR) mgħobbi totalment; jew
   b. ammont li hu meħtieġ li jissodisfa l-minimu ta' Basel 1.
2. Ammont ta' rikapitalizzazzjoni (RCA) li jikkonsisti mill-ogħla fost:
   a. rekwiżit kapitali minimu ta' bank (Pilastru 1) u r-rekwiżit tal-Pilastru 2; jew
   b. ammont li hu meħtieġ li jissodisfa l-minimu ta' Basel 1.

Dawn il-komponenti huma kkumplimentati minn imposta fuq il-fiduċja tas-suq (MCC) issettjata għall-2016 fil-livell tas-CBR mgħobbi totalment bit-tnaqqis ta' 125 punt bażi.

Finalment, il-proporzjon ta' ingranaġġ ma ġiex ikkunsidrat sakemm jiġi introdott rekwiżit finali vinkolanti fid-dritt tal-Unjoni.

Minbarra l-formula stabbilita fid-DR, l-SRB qies valur referenzjarju ta' 8%. L-SRB ikkunsidra li l-MREL jenħtieġ li jiġi ssettjat f'livell prudenti biżżejjed biex, jekk ikun meħtieġ. jiġu aċċessati arranġamenti ta' finanzjament bħall-SRF fil-BU. L-SRB ikkunsidra li livell tal-MREL ta' mill-inqas 8% tal-obbligazzjonijiet totali u tal-fondi proprji (TLOF) ġeneralment ser ikun meħtieġ għall-gruppi bankarji ewlenin kollha fi ħdan il-BU.

**Figure 8:** SRB MREL approach for 2016



Il-miri informattivi tal-MREL tal-2016 ma qiesu l-ebda aġġustamenti 'l fuq jew 'l isfel diskrezzjonali potenzjali, abbażi tas-sitwazzjoni speċifika tal-gruppi bankarji individwali, u applikati għal-livell konsolidat tal-grupp biss. Barra minn hekk, l-iskont ta' 125 bp applikat għall-MCC mhux neċessarjament jirrifletti xi deċiżjonijiet dwar l-MCC biex jimxi 'l quddiem.

### KAXXA 2: AĠĠUSTAMENT TAL-MIRI INFORMATTIVI TAL-MREL

**Ammont tal-Assorbiment tat-Telf (LAA):** sabiex tiġi ddeterminata l-mira informattiva tal-MREL fl-2016, l-SRB uża l-LAA difolt bis-CBR mgħobbi totalment, skont l-Artikolu 1(4) tad-DR, mingħajr l-għoti ta' aġġustament fid-dawl tal-metodoloġija l-ġdida tal-SREP li f'xenarji ta' kriżi teskludi telf mir-rekwiżit tal-Pilastru 2, iżda, bħall-Pilastru 2, iżżomm ir-riskji kollha li ma jinqabdux fil-Pilastru 1. L-issettjar ta' LAA ogħla minħabba impedimenti għar-riżolvibbiltà jista' jiġi ddeterminat biss aktar 'il quddiem, ladarba jkunu ġew identifikati l-impedimenti.

**Ammont tar-Rikapitalizzazzjoni (RCA):** l-SRB ddeċieda li jissettja livelli prestabbiliti tal-RCA, mingħajr ma jindirizza l-aġġustamenti personalizzati kkontemplati fid-DR.

**Imposta fuq il-Fiduċja tas-Suq (MCC):** l-SRB ddeċieda li jiddefinixxi mira intermedja għall-MCC fl-2016. L-MCC tirrappreżenta l-ammont meħtieġ biex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq ikollhom kunfidenza fil-bank riżolt. Fl-2016 l-SRB issettja l-livell tal-MCC fis-CBR bit-tnaqqis ta' 125 punt bażi, filwaq li qies l-approċċ adottat mill-awtoritajiet l-oħra ta' riżoluzzjoni fl-UE. Fl-2016 ma saru l-ebda aġġustamenti ulterjuri għall-MCC.

## KWALITÀ U INTRODUZZJONI

Fl-2016, l-SRB adotta approċċ kawt għall-eliġibbiltà, fejn eskluda noti strutturati bħala punt tat-tluq u enfasizza l-ħtieġa ta' valutazzjoni ulterjuri tal-obbligazzjonijiet maħruġa minn veikolu bi skop speċjali (SPVs) u l-obbligazzjonijiet irregolati mil-liġi ta' pajjiż 'il barra mill-UE.

Min-naħa l-oħra, l-SRB qies depożiti ta' żmien fiss mhux assigurati u mhux preferuti b'maturità minima ta' mill-inqas sena waħda bħala potenzjalment eliġibbli, jekk il-banek ikunu totalment kapaċi juru n-nuqqas ta' karatteristiċi ta' ħlas lura kmieni. Madankollu, hi mistennija analiżi ulterjuri ta' dawn l-obbligazzjonijiet, ibbażata fuq gwida mogħtija mill-EBA. Barra minn hekk, is-suppożizzjonijiet li saru fl-2016 mhux neċessarjament jirriflettu xi deċiżjoni dwar l-eliġibbiltà ta' obbligazzjonijiet bi prospettiva futura.

Obbligazzjonijiet oħra miżmuma minn investituri aħħarin ġew ikkunsdrati bħala eliġibbli għall-MREL jekk issodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fil-BRRD.

### KAXXA 3: STIMA TAL-IMPATT TAL-UNJONI BANKARJA IBBAŻATA FUQ KAMP-JUN TAL-SRB

L-SRB wettaq analiżi orizzontali, ibbażata fuq l-informazzjoni tal-LDT, għall-banek ewlenin kollha li għalihom l-SRB abbozza pjanijiet ta' riżoluzzjoni (minbarra strateġiji tal-MPE).

**Miri informattivi:** medja ta' 27% tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju (TREA).

**Nuqqasijiet ([1]):** EUR 112-il biljun, li bħala medja jirrappreżenta 7% tat-TREA (għal banek b'nuqqasijiet).

(1) Nuqqas stmat ibbażat fuq l-applikazzjoni tal-approċċ tal-SRB għall-2016, mingħajr preġudizzju ta; analiżi ulterjuri li saret minn IRTs fuq bażi ta' każ b'każ. Għal dan il-għan, in-nuqqas stmat jista' jkun soġġett għal bidla bbażata fuq kontrolli addizzjonali tal-kwalità u żviluppi ulterjuri tal-politika fil-livell tal-SRM fl-2017.

### NIMXU 'L QUDDIEM

L-SRB se jiżviluppa l-politika tiegħu tal-MREL fl-2017 biex jikseb qafas konsistenti li jkun applikabbli għall-gruppi bankarji kollha fil-BU. Fil-metodoloġija finalizzata tal-MREL tal-SRB se jiġu indirizzati diversi aspetti, filwaqt li jitqies il-qafas regolatorju tal-UE li qed jevolvi. L-SRB se jibbaża d-dikjarazzjonijiet tal-politika tiegħu fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti u ser ikompli jsegwi r-riżultat tan-negozjati fir-rigward għall-pakkett leġiżlattiv tal-KE.

Bħala l-ewwel pass, l-SRB għandu l-għan li jissettja miri vinkolanti tal-MREL f'livell konsolidat (jew f'livelli subkonsildati xierqa skont l-istrateġija ta' riżoluzzjoni) għall-gruppi bankarji ewlenin taħt il-mandat tiegħu fl-2017, segwit mid-determinazzjoni ta' miri vinkolanti tal-MREL fil-livell individwali għall-entitajiet legali tagħhom soġġetti għall-BRRD sal-aħħar tal-2017/bidu tal-2018.

L-SRB se jiddefinixxi l-perjodi tranżitorji xierqa, meħtieġa biex tiġi żgurata l-kredibbiltà tal-Qafas tar-Riżoluzzjoni, li jagħtu żmien lill-istituzzjonijiet biex jibnu l-kapaċità tal-assorbiment tat-telf meħtieġa. Matul il-perjodu tranżitorju, l-SRB m'għandux l-għan li jippubblika d-deċiżjonijiet individwali tiegħu dwar il-miri tal-MREL. Minflok, hu jista' jeħtieġ li l-banek jiżvelaw il-kompożizzjoni tal-istrumenti tagħhom li huma eliġibbli għall-MREL.

## 5.2. Tħejjija tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni

Fl-2016, l-SRB u l-NRAs ħadmu b'mod intensiv biex ifasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni u jissettjaw livelli ta' mira informattivi għall-MREL. Minbarra dawn il-miżuri preventivi u preparatorji, l-SRB ipprepara wkoll għal azzjonijiet ta' riżoluzzjoni possibbli li jistgħu jiġu implimentati immedjatament jekk bank jitqies li jkun qed jissodisfa l-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni. F'dan ir-rigward, ġew stabbiliti diversi kompiti għat-twettiq, kif deskritti hawn taħt.

L-ewwel nett, l-SRB ikkonkluda proċeduri ta' akkwist biex jiżgura li l-kuntratti qafas kienu fis-seħħ biex jingħata aċċess għal numru limitat ta' ditti esterni fil-każ ta' sitwazzjoni ta' kriżi. Dan jinkludi konsulenti ekonomiċi u finanzjarji biex jagħtu pariri fil-qasam tal-kontabbiltà u tal-valutazzjoni u biex titwettaq il-valutazzjoni indipendenti meħtieġa (kemm għal valutazzjonijiet kontabilistiċi kif ukoll għal dawk ekonomiċi), kif ukoll konsulenti legali biex jagħtu parir lill-SRB dwar kwistjonijiet



legali. Dan l-aċċess potenzjali għall-pariri esterni ġie kkombinat ma' titjib sinifikanti fir-riżorsi tal-SRB stess (eż. HR, ICT, fiżiċi) deskritti fil-Kapitolu 10.

F'termini ta' politika, l-SRB avvanza l-ħidma tiegħu fuq politiki tal-immaniġġjar ta' kriżijiet u d-dokumenti u l-mudelli interni relatati li jispeċifikaw il-modalitajiet biex isiru l-Valutazzjonijiet tal-Interess Pubbliku, li jiddeterminaw u joperalizzaw l-aktar għodod u setgħat ta' riżoluzzjoni xierqa, u l-interazzjoni mal-partijiet ikkonċernati msemmija. Pereżempju, ġew elaborati il-mudelli għall-iskemi ta' riżoluzzjoni tal-SRB. Fil-każ ta' riżoluzzjoni reali, il-mudelli jimtlew skont is-sitwazzjoni speċifika tal-bank li jissodisfa l-kundizzjonijet għal riżoluzzjoni.

Sabiex jittestja l-interazzjonijiet bejn il-korpi differenti tal-UE li huma responsabbli għar-riżoluzzjoni ta' bank, fit-18 ta' Jannar 2016 l-SRB ikkoordina l-ewwel eżerċizzju ta' simulazzjoni ta' kriżi tiegħu ("sessjoni ta' prattika") ibbażata fuq xenarju ta' falliment ta' bank. L-eżerċizzju ffoka fuq il-proċeduri u l-proċessi li jirregolaw l-interazzjonijiet bejn l-SRB, il-KE (id-Direttorat-Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (DĠ FISMA) u d-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (DĠ COMP)) u l-Kunsill.

L-għan tal-eżerċizzju kien li jagħti indikazzjoni tal-oqsma possibbli għat-titjib, b'mod partikolari dwar il-funzjonament u l-implimentazzjoni ta' proċeduri u proċessi rilevanti għat-tħejjija u t-teħid ta' deċiżjoni dwar skema ta' riżoluzzjoni. L-eżerċizzju ppermetta wkoll l-ittestjar tal-interazzjonijiet bejn l-SRB, il-KE u l-Kunsill f'sitwazzjoni ta' kriżi, kif ukoll il-prestazzjoni tal-infrastrutturi tal-IT li huma meħtieġa biex jiġu appoġġjati deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni u jiġi ċentralizzat l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi tal-UE.

Is-sessjoni ta' prattika rrappreżentat ukoll opportunità importanti għat-timijiet tal-SRB, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill biex jittestjaw il-komunikazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati esterni, b'mod partikolari l-istampa.

Barra minn hekk, fl-10 ta' Ottubru 2016, l-SRB, flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, għamel eżerċizzju transfruntier tal-ogħla livell f'Washington DC biex irawwem il-kooperazzjoni globali. L-eżerċizzu ġie ospitat mill-Korporazzjoni Federali tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti (FDIC) Parteċipanti oħra mill-Istati Uniti inkludew uffiċjali għolja mid-Dipartiment tat-Teżor (*Treasury Department*), mill-Bord tal-Gvernaturi tas-Sistema ta' Riżerva Federali (*Federal Reserve System*), il-Comptroller tal-Munita (*Comptroller of the Currency*), il-Kummissjoni dwar is-Sigurtajiet u l-Kambju (*Securities and Exchange Commission*), il-Kummissjoni dwar in-Negozjar tal-Futuri tal-Komoditajiet (*Commodity Futures Trading Commission*) u l-Bank tar-Riżerva Federali (*Federal Reserve Bank*) ta' New York. Il-parteċipanti mill-Ewropa inkludew uffiċċjali għolja mill-HM Treasury, mill-Bank of England (BoE), mill-Awtorità tar-Regolamentazzjoni Prudenzjali (*Prudential Regulation Authority*) tar-Renju Unit, l-SRB, il-KE u l-BĊE.

L-għan ewlieni ta' dan l-eżerċizzju kien li jitrawwem u jiġi żviluppat fehim komuni bejn il-prinċipali fir-rigward tar-riżoluzzjoni transfruntiera. B'mod partikolari, l-eżerċizzju kellu l-għan li jtejjeb il-fehim, il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Uniti, tal-BU u tar-Renju Unit f'każ ta' falliment jew riżoluzzjoni ta' G-SIB.

L-eżerċizzju kien importanti għall-identifikazzjoni mmirata tal-kwistjonijiet ewlenin miftuħa għal xogħol fil-futur li għandu l-għan li jippermetti l-kooperazzjoni kredibbli u fattibbli bejn il-ġurisdizzjonijiet f'każ li G-SIB ifalli jew isir wieħed li aktarx ifalli.

Fl-2017, l-SRB ser ikompli jtejjeb it-tħejjija tiegħu għal azzjonijiet ta' riżoluzzjoni possibbli. F'dan ir-rigward, l-SRB se jivvaluta l-effettività tal-proċessi, il-proċeduri u l-mudelli attwali tiegħu. Fejn jitqies li jkun meħtieġ, l-SRB ser itejjeb il-proċessi, il-proċeduri u l-mudelli tiegħu billi jimplimenta soluzzjonijiet konkreti. Wara dan, l-SRB ser iwettaq eżerċizzji ta' sessjonijiet ta' prattika biex jittestja t-tħejjija tiegħu għall-kriżijiet.

# 6. IL-QAFAS TAR-RIŻOLUZZJONI

## 6.1. Kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali

L-SRB jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-NRAs fi ħdan l-SRM. Fl-2016, l-SRB żviluppa għodod ta' kooperazzjoni formali mal-NRAs, inkluż l-istabbiliment tal-IRTs kollha fi ħdan il-mandat tal-SRB, il-finalizzazzjoni tal-COFRA u l-Arranġamenti Interni li jħaddmu l-COFRA. Barra minn hekk, il-Kumitat għar-Riżoluzzjoni, li ġie stabbilit fl-2016, hu l-pjattaforma ewlenija biex jinqasmu l-esperjenzi dwar l-attivitajiet ta' riżoluzzjoni mal-NRAs u l-iżvilupp reċiproku tal-politiki orizzontali, biex jiġu żgurati konsistenza u standards għolja ta' kwalità f'attivitajiet relatati mar-riżoluzzjoni fi ħdan l-SRM. Fl-2017 u lil hinn, il-Kumitat għar-Riżoluzzjoni ser ikompli l-ħidma tiegħu u jwassal il-prodotti finali tiegħu skont il-mandat tal-kumitat.

L-SRB, flimkien mal-NRAs, organizzaw programmi u attivitajiet ta' taħriġ speċifiċi biex jiżviluppaw l-għarfien espert meħtieġ tal-persunal. L-attivitajiet ta' taħriġ iffukaw fuq (i) taħriġ ta' induzzjoni għal membri ġodda tal-persunal tal-SRB u tal-NRA u (ii) kwistjonijiet legali u finanzjarji speċifiċi rilevanti għar-riżoluzzjoni ta' bank. Diversi attivitajiet ta' taħriġ (eż. induzzjoni, valutazzjoni) jiġu organizzati b'mod konġunt mal-EBA.

Fl-2016, il-President żar ukoll numru ta' SM biex jippreżenta l-attivitajiet tal-SRB u jippromwovi l-kooperazzjoni. Il-pajjiżi li żar kienu Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja. Żjarat ulterjuri huma ppjanati għall-2017.

## 6.2. Sorveljanza ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti

Fl-2016, l-SRB beda l-implimentazzjoni tal-mandat tiegħu li jikkonċerna s-sorveljanza tal-LSIs taħt il-mandat dirett tal-NRAs. Skont l-SRMR, il-mandat ta' sorveljanza tal-SRB jinkludi l-valutazzjoni tal-abbozz tal-miżuri ta' riżoluzzjoni biex l-LSIs jiġu nnotifikati mill-NRAs għall-SRB. Filwaqt li jitqies in-numru kbir ta' LSIs fil-BU (madwar 3 200), din il-funzjoni se tirrappreżenta parti sinifikanti tal-ħidma tal-SRB fis-snin li ġejjin.

Fid-dispożizzjonijiet tal-COFRA u fl-Arranġamenti Interni tiegħu ġew inklużi aspetti operattivi tas-sorveljanza tal-LSI. F'Settembru 2016, l-SRB adotta wkoll proċedura interna dettaljata dwar kif titħaddem internament din il-funzjoni ta' sorveljanza fi ħdan l-SRB.

Matul l-2016, l-SRB beda jirċievi abozzi ta' miżuri ta' riżoluzzjoni (primarjament abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni). Sat-tmiem tal-2016, is-Sessjoni Eżekuttiva tal-Bord għamlet erba' deċiżjonijiet dwar jekk tesprimix il-fehmiet tagħha rigward l-abbozzi tal-miżuri ta' riżoluzzjoni ppreparati mill-NRAs, skont l-Artikolu 31 tal-SRMR.

## 6.3. Kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra

Fl-2016, l-SRB kompla jiżviluppa l-kooperazzjoni tiegħu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra, bħall-istituzzjonijiet tal-UE u awtoritajiet oħra minn SM u minn pajjiżi terzi mhux parteċipanti fil-livelli kollha. Din il-parteċipazzjoni kontinwa f'forums internazzjonali irriżultat ta' għajnuna kbira għall-SRB biex javvanza bil-ħidma tiegħu.

### (I) L-ISTITUZZJONIJIET TAL-UNJONI EWROPEA

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

Parlament Ewropew

F'konformità mar-responsabbiltà tal-SRB lejn l-istituzzjonijiet tal-UE, matul l-2016 il-President tal-SRB deher diversi drabi quddiem il-PE. B'mod partikolari, fit-13 ta' Ġunju, f'seduta pubblika tal-ECON, il-President ippreżenta r-Rapport Annwali tal-Attività 2015 (4).

Il-President ħadet sehem ukoll f'seduti pubbliċi oħra u fi skambji ta' fehmiet fuq suġġetti speċifiċi kull meta ntalbet tagħmel dan, u fil-5 ta' Diċembru 2016 — f'seduta pubblika tal-ECON — hi ppreżentat il-Programm ta' Ħidma tal-SRB għall-2017 (5).

Matul is-sena, l-SRB skambja informazzjoni mas-Segretarjat tal-ECON b'mod kontinwu dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha għall-ħidma tiegħu u ħadem biex jirrispondi l-mistoqsijiet parlamentari b'mod f'waqtu u komprensiv. L-SRB isegwi mill-qrib is-seduti u l-proċess leġiżlattiv tal-ECON kull meta jkunu relatati mal-mandat tiegħu.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

L-SRB żamm u saħħaħ id-djalogu miftuħ tiegħu mal-Kunsill bl-għan li jikkontribwixxi għal tfassil effettiv tal-politika. B'mod partikolari, il-President tal-SRB attenda laqgħat rilevanti tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Informali (ECOFIN) tal-Kunsill, kif ukoll laqgħat tal-Grupp tal-Euro. L-SRB kien involut fil-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro (EWG), kif ukoll fil-ħidma tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (EFC), fejn ħadem fuq kwistjonijiet, inkluża l-proposta tal-KE dwar it-tnaqqis tar-riskju, u xogħol kontinwu fuq il-Ftehimiet dwar Faċilità ta' Self (LFAs) u l-Ftehim Intergovernattiv (IGA) u fil-kuntest tal-grupp ta' ħidma ad hoc dwar l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) L-SRB pprovda wkoll appoġġ tekniku għad-diskussjonijiet fi ħdan it-Task Force dwar Azzjoni Koordinata (TFAK) dwar garanzija ta' kontinġenza komuni għall-SRF.

L-SRB żgura wkoll li l-infrastruttura kienet fis-seħħ u kienet qed taħdem tajjeb biżżejjed biex tippermetti l-komunikazzjoni bejn l-SRB u l-Kunsill matul deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, kif meħtieġ mill-SRMR.

(4) http://www.europarl.europa.eu/news/en/news-room/20160706IPR35850/committee-on-economic-and-monetary-affairs-meeting-13072016-(pm)

(5) http://www.europarl.europa.eu/ep-live/en/committees/video?event=20161205-1515-COMMITTEE-ECON

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

B'mod parallel mal-bini tal-istruttura organizzattiva għall-kooperazzjoni mal-BĊE bħala awtorità superviżorja taħt l-SSM, l-2016 kien ikkaratterizzat mit-titjib tal-fluss tax-xogħol ta' kuljum mal-BĊE, b'mod partikolari l-iskambju ta' informazzjoni b'mod f'waqtu. Fi Frar 2016 seħħet laqgħa ta' livell għoli bejn il-BĊE u l-SRB, li matulha ġew diskussi suġġetti ta' politika bħall-MREL, it-TLAC u l-EDIS. Fil-livell tal-maniġment intermedju, kull tliet xhur ġew organizzati laqgħat jew vidjokonferenzi biex jiġu indirizzati s-suġġetti operattivi li jirriżultaw bħala parti mill-kooperazzjoni bejn l-SRB u l-BĊE. Fil-livell tekniku, l-unitajiet orizzontali tal-SRB u tal-BĊE jżommu kuntatt regolari. L-SRB attenda wkoll laqgħat tal-Bord Superviżorju tal-BĊE biex jiddiskuti suġġetti relatati mar-riżoluzzjoni jew każijiet individwali (fir-rigward ta' riżoluzzjoni potenzjali jew azzjonijiet ta' intervent bikri fil-futur), kull meta kien mistieden.

Il-BĊE nnifsu għandu status ta' "osservatur" fis-Sessjonijiet Eżekuttivi u Plenarji tal-SRB, li jiffaċilitaw kooperazzjoni f'waqtha u msaħħa. Barra minn dan, ir-rappreżentanti tal-BĊE jattendu laqgħat tal-Kumitat għar-Riżoluzzjoni bħala osservaturi u huma involuti f'diversi gruppi ta' ħidma tekniċi relatati mal-iżvilupp ta' politiki fuq kwistjonijiet orizzontali.

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Fl-2016, l-SRB kompla l-iskambju ta' fehmiet tiegħu dwar kwistjonijiet ta' politika u proċedura mad-direttorati rilevanti tal-KE, b'mod partikolari d-DĠ COMP u d-DĠ FISMA f'livelli differenti. Matul id-diskussjonijiet interni tal-KE dwar l-abbozzar ta' proposta biex jiġu emendati l-BRRD u l-SRMR — li tressqet lejn l-aħħar tal-2016 — l-SRB kkontribwixxa b'suġġerimenti, għarfien espert u esperjenza biex jgħin jidentifika oqsma tal-leġiżlazzjoni tal-Livell I li jeħtieġu emendi meta ntalab jagħmel dan mill-KE. Il-KE għandha status ta' "osservatur" fis-Sessjonijiet Eżekuttivi u Plenarji kif ukoll fil-laqgħat tal-Kumitat għar-Riżoluzzjoni tal-SRB, li jiffaċilita l-kooperazzjoni mill-qrib.

### (II) L-EBA U KORPI OĦRA TAL-UE

**EUROPEAN BANKING AUTHORITY**

Fl-2016, l-SRB saħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-EBA u l-appoġġ reċiproku għaliha, b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu fil-kuntest tal-Ġabra Unika tar-Regoli u fl-għoti ta' taħriġ dwar kwistjonijiet ta' riżoluzzjoni. L-SRB kkontribwixxa b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' diversi standards, ta' linji gwida u ta' rapporti tekniċi ppubblikati mill-EBA fl-2016, inkluż ir-rapport dwar il-bażi xierqa tal-livell fil-mira għal arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni taħt il-BRRD u r-rapport dwar l-implimentazzjoni u t-tfassil tal-MREL. L-SRB kien involut ukoll fi gruppi ta' ħidma ddedikati li ser ikomplu joperaw fl-2017, pereżempju dwar il-kriterji għal obbligi simplifikati, l-identifikazzjoni ta' RCs Ewropej u ta' prodotti regolatorji oħra li għandhom x'jaqsmu mal-ippjanar ta' riżoluzzjoni u mal-immaniġġjar ta' kriżijiet bħall-Istandard Regolatorju Tekniku dwar il-valutazzjoni. Membru tal-Bord full-time tal-SRB ippresjeda l-Kumitat għar-Riżoluzzjoni tal-EBA u attenda l-laqgħa tal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA bħala osservatur. Dan ir-rwol attiv fil-gruppi ta' ħidma u fil-kumitati tekniċi tal-EBA hu importanti biex titrawwem il-kooperazzjoni u tiġi żgurata armonizzazzjoni xierqa tar-regoli u l-prattika, rilevanti għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni fil-BU kif ukoll 'il barra mill-BU. L-SRB wettaq ukoll attivitajiet fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tar-rapportar u ta' notifika tal-EBA.

B'mod simili, l-EBA stess għandha status ta' "osservatur" fis-Sessjonijiet Eżekuttivi u Plenarji tal-SRB. Minbarra li jipprovdu inputs tekniċi għal numru ta' kompiti fi ħdan l-SRB, ir-rappreżentanti tal-EBA jattendu wkoll laqgħat fix-xahar tal-Kumitat għar-Riżoluzzjoni bħala osservaturi u huma involuti f'diversi gruppi ta' ħidma tekniċi biex jiżviluppaw politiki dwar kwistjonijiet orizzontali.

L-SRB saħħaħ ukoll il-kooperazzjoni tiegħu mal-aġenziji superviżorji oħra tal-UE, jiġifieri l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), kif ukoll mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES).

### KOOPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET OĦRA TAĦT L-SRMR U L-BRRD (MEMORANDUMS TA' QBIL, ARRANĠAMENTI TA' KOOPERAZZJONI U RCS)

Ħafna mill-gruppi taħt il-mandat tal-SRB, fil-biċċa l-kbira tagħhom, joperaw f'iktar minn pajjiż wieħed, kemm ġewwa l-Ewropa kif ukoll fuq skala globali. Għalhekk, il-BRRD u l-SRMR jeħtieġu li l-SRB jiffirma tliet tipi ta' arranġamenti biex jiġu ffaċilitati l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni fl-interess tal-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' riżoluzzjoni transfruntiera:

- Memorandums ta' Qbil (MtQ) mal-NRA ta' kull SM mhux parteċipanti li fih hemm mill-inqas G-SIB wieħed (jiġifieri r-Renju Unit u l-Iżvezja) ([6]);
- MtQ mal-BĊE u mal-NRAs u l-NCAs ta' kull SM mhux parteċipanti ([7]);

([6]) l-Artikolu 32(2) subpara 2 tal-SRMR.
([7]) l-Artikolu 32(2) subpara 1 tal-SRMR.

- Ftehimiet ta' Kooperazzjoni (CoAgs) ([8]) speċifiċi għall-istituzzjonijiet u mhux vinkolanti mal-awtoritajiet superviżorji u ta' riżoluzzjoni ta' pajjiżi terzi, f'konformità mal-arranġamenti qafas ta' kooperazzjoni tal-EBA ([9]).

Fir-rigward tal-qbil ta' MtQ ma' awtoritajiet mhux tal-UE, m'hemm l-ebda obbligu taħt il-BRRD jew l-SRMR, iżda dan hu rakkomandat fl-interess ta' qafas ta' kooperazzjoni effettiv dwar ir-riżoluzzjoni. Madankollu, hu obbligatorju sforz partikolari għal MtQ u għal CoAgs li jinvolvu awtoritajiet mhux tal-UE minħabba l-ħtieġa għal valutazzjoni tal-ekwivalenza tal-pajjiżi terzi fir-rigward tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u tal-kunfidenzjalità (ara hawn taħt).

### (III) KOOPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET TAL-UE MHUX TAL-UNJONI BANKARJA

Fl-2016, l-SRB iffoka l-isforzi ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ta' dawk l-SM mhux parteċipanti li magħhom il-BU għandha l-aktar attivitajiet bankarji transfruntiera rilevanti. Fir-rigward ta' G-SIBs, f'Diċembru 2016 ġie ffirmat MtQ mal-SNDO (l-Awtorità Żvediża ta' Riżoluzzjoni), skont l-Artikolu 32(2) subparagrafu 2 tal-SRMR.

Fl-2016, l-SRB kompla jinvolvi ruħu f'diskussjonijiet siewja mal-BoE kemm fil-livell tekniku kif ukoll fil-livell tal-bord fuq oqsma ta' interess reċiproku. Il-BoE hu parti kkonċernata importanti għall-SRB, għaliex l-SRB hu magħmul għall-BoE. Dawn l-oqsma ta' diskussjoni inkludew l-ippjanar ta' riżoluzzjoni, il-kooperazzjoni u l-iżvilupp ta' politika.

Fir-rigward tal-MtQ, skont l-Artikolu 32(2) subparagrafu 1 tal-SRMR, bejn l-SRB, il-BĊE u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' kull SM mhux parteċipanti, lejn l-aħħar tal-2016 il-partijiet involvew ruħhom f'negozjati u l-SRB iċċirkola abbozz ta' MtQ lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u kompetenti tad-disa' SM mhux parteċipanti. In-negozjati kollha qed isiru f'kooperazzjoni msaħħa mal-BĊE.

L-RCs, kif previst taħt il-BRRD, huma wkoll pjattaforma importanti għall-kooperazzjoni transfruntiera. Skont l-Artikolu 88 tal-BRRD, l-SRB wkoll irid jorganizza RCs għal gruppi li huma stabbiliti fi SM mhux tal-BU (l-Artikolu 88 tal-BRRD) u fejn l-SRB ikun il-GLRA.

L-SRB stabbilixa RCs għal kważi kull bank taħt il-mandat tiegħu u nieda teħid konġunt ta' deċiżjonijiet dwar il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Fl-2016 ġiet imsaħħħa aktar il-kooperazzjoni bilaterali mal-awtoritajiet ta' xi SM mhux tal-BU (eż. mal-BoE u mal-awtoritajiet Żvediżi u Daniżi ta' riżoluzzjoni) u fl-2017 din se tiġi segwita minn awtoritajiet oħra Ewropej mhux tal-BU.

### (V) AWTORITAJIET MHUX TAL-UE

Skont il-BRRD u l-SRMR, l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi hu soġġett għall-ekwivalenza tar-rekwiżiti u tal-istandards tas-segretezza professjonali fil-pajjiżi terzi ma' dawk fl-UE. Bl-istess mod, dan japplika wkoll għal CoAgs, għal MtQ, għal CMGs u għal RCs.

Il-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-data personali ma jippermettix lill-SRB jaqsam data personali mal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi fuq bażi regolari, sakemm il-KE ma tkunx adottat deċiżjoni dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni tad-data personali fil-pajjiż terz rilevanti jew sakemm ma jkunx ġie konkluż kuntratt għall-protezzjoni tad-data bejn l-SRB u l-awtorità tal-pajjiż terz.

---

([8]) Dawn id-dokumenti, li mhumiex legalment vinkolanti, jistabbilixxu l-funzjonament tas-CMGs.

([9]) l-Artikolu 32(1) u (4) tal-SRMR, l-Artikolu 97(2) tal-BRRD.

## MEMORANDUMS TA' QBIL MA' AWTORITAJIET TA' PAJJIŻI TERZI

Fl-2016, l-SRB beda negozjati għal MtQ bilaterali mal-FDIC (l-Istati Uniti), mal-FINMA (l-Awtorità Żvizzera Superviżorja tas-Suq Finanzjarju (*Swiss Financial Market Supervisory Authority*), l-Iżvizzera) mas-CDIC (il-Korporazzjoni tal-Assigurazzjoni tad-Depożiti ta' Canada (*Canada Deposit Insurance Corporation*)) u mal-Bank Ċentrali tal-Brażil (*Banco Central do Brazil*). F'dan il-proċess, l-SRB kellu jivvaluta jekk ir-reġimi tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-data personali ta' dawn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mhux tal-UE humiex ekwivalenti għad-dritt tal-Unjoni. L-MtQ huma mistennija li jiġu adottati fl-2017.

## FTEHIMIET TA' KOOPERAZZJONI MA' AWTORITAJIET TA' PAJJIŻI TERZI

Fir-rigward ta' CoAgs speċifiċi għall-banek għal gruppi li għalihom l-SRB hu l-awtorità lokali, wara l-preparazzjonijiet u n-negozjati fl-2016, diversi CoAgs huma mistennija li jiġu ffirmati fl-2017.

Għal CoAgs li għalihom l-SRB hu l-awtorità lokali, trid issir distinzjoni għal dawn li ġejjin bejn:

- CoAgs li jistgħu jiġu ffirmati malli titlesta l-valutazzjoni tal-ekwivalenza fir-rigward tal-istandards tal-kunfidenzjalità tal-pajjiż terz rilevanti;
- CoAgs li ġew iffirmati qabel l-2016, li magħhom irid jissieħeb l-SRB.

Għal dawn it-tipi ta' CoAgs, fl-2016 tniedu valutazzjonijiet tal-ekwivalenza ta' pajjiżi terzi u l-ftehimiet huma mistennija li jiġu adottati fl-2017.

## (VI) FORUMS U KORPI INTERNAZZJONALI

Minbarra l-kooperazzjoni tiegħu mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, kif ukoll mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u ta' superviżjoni fi ħdan u barra l-UE, l-SRB hu impenjat ukoll f'forums u f'korpi internazzjonali ewlenin. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 7 "Koordinazzjoni tal-Politika u Relazzjonijiet Interni".

# 7. KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA U RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

L-interkonnettività tas-swieq teħtieġ kooperazzjoni, politika u gwida fuq skala globali. L-FSB u organizzazzjonijiet intergovernattivi oħrajn għandhom rwol importanti fil-promozzjoni tal-konverġenza u fl-għoti ta' pariri fil-qasam tar-riżoluzzjoni.

F'dan il-kuntest, fil-kapaċità tiegħu bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni fi ħdan il-BU b'responsabbiltà diretta għall-aktar banek importanti fiż-żona tal-euro u għall-gruppi bankarji transfruntiera, l-SRB saħħaħ il-profil tiegħu u kkontribwixxa l-għarfien espert li dejjem jikber tiegħu għall-ħidma ta' dawn l-organizzazzjonijiet intergovernattivi.

L-impenn internazzjonali tal-SRB fl-2016 wera li kien utli ħafna għall-ħidma u l-iżvilupp operattivi ewlenin tiegħu, u l-SRB ifittex li jaqsam l-għarfien espert tiegħu ma' sħab internazzjonali bl-għan li jibbenefikaw minn xulxin. Għalhekk, l-iskambju internazzjonali tal-esperjenza u tan-know-how fil-futur ser jiġi segwit u msaħħaħ mill-SRB.

## 7.1. Koordinazzjoni tal-kooperazzjoni u r-relazzjonijiet istituzzjonali

### (I) IL-BORD GĦALL-ISTABILITÀ FINANZJARJA

L-SRB ħa sehem fil-gruppi ta' ħidma kollha tal-FSB li għalihom suġġetti relatati mar-riżoluzzjoni huma l-fokus. Il-Figura 7 tagħti ħarsa ġenerali tal-kumitati ewlenin tal-FSB rilevanti għall-attivitajiet tal-FSB.

Il-Grupp ta' Tmexxija ta' Riżoluzzjoni (ReSG), ippresedut mill-President tal-SRB, ġie stabbilit kmieni fl-2011 u hu l-kumitat inkoporattiv li jindirizza kwsitjonijiet ta' riżoluzzjoni fi ħdan l-FSB. Hu jirrapporta lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-FSB u hu maqsum f'diversi sottogruppi u gruppi ta' ħidma.

Fl-2016, minbarra l-ReSG, l-SRB kien impenjat fil-gruppi u fil-gruppi ta' ħidma kollha rilevanti relatati mar-riżoluzzjoni tal-FSB:

**1. Il-Grupp Bankarju għall-Immaniġġjar ta' Kriżijiet Transfruntiera (CBCM):** dan il-grupp għandu l-għan li jippromwovi l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni. Fl-2016, ġie diviż fil-gruppi ta' ħidma (Wss) li ġejjin:

- WS dwar il-Finanzjament fir-Riżoluzzjoni;
- WS dwar il-Kontinwità tal-Aċċess għal FMIs;
- WS dwar l-Eżekuzzjoni tar-Rikapitalizzazzjoni Interna, kopresedut minn membru tal-SRB;
- WS dwar it-TLAC Intern;
- WS dwar il-Kontinwità Operattiva.

**2. Il-Grupp ta' Esperti Legali (LEG):** dan il-grupp jiffaċilita, b'mod partikolari, fehim aħjar tal-isfidi u l-proċeduri legali biex jiġu implimentati azzjonijiet ta' riżoluzzjoni transfruntiera.

**3. Il-Grupp għall-Immaniġġjar ta' Kriżijiet Transfruntiera għal FMIs(fmiCBCM).**

**4. Il-Grupp ta' Studju Konġunt dwar l-Interdipendenzi tal-Kontroparti Ċentrali (CCP).**

## ATTIVITAJIET TA' IMPORTANZA PARTIKOLARI FL-2016

Fir-rigward tal-Qafas ta' Riżoluzzjoni tal-banek tal-FSB, l-SRB appoġġja l-FSB fl-isforzi tiegħu biex ikompli joperalizza l-elementi ewlenin tiegħu, b'mod partikolari t-TLAC ([10]) intern u, b'mod aktar ġenerali, fir-rigward ta' kif għandha tiġi implimentata l-proposta msemmija fid-Dokument dwar il-Kondizzjonijiet tat-TLAC. L-aċċess għal FMIs ([11]), il-finanzjament fir-riżoluzzjoni ([12]), il-kontinwità operattiva ([13]) u r-rikapitalizzazzjoni interna fl-eżekuzzjoni kienu punti fokali oħra matul is-sena.

## PROĊESS TA' VALUTAZZJONI TAR-RIŻOLVIBBILTÀ

F'konformità mal-Attributi Ewlenin tar-Reġimi ta' Riżoluzzjoni Effettivi għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji (KAs) tal-FSB approvati mill-kapijiet ta' stat u ta' gvern tal-G20 f'Novembru 2011, fir-rapport tiegħu għall-G20 ta' Settembru 2013 l-FSB ħa impenn li jivvaluta r-riżolvibbiltà ta' kull G-SIB ([14]).

L-RAP tal-FSB, f'konformità mal-KA Nru 10, għandu l-għan li, għal kull G-SIB identifikat mill-FSB, jivvaluta l-fattibbiltà tal-istrateġiji ta' riżoluzzjoni fid-dawl tal-impatt probabbli tal-falliment ta' ditta fuq is-sistema finanzjarja u fuq l-ekonomija ġenerali. L-RAP jippromwovi wkoll rapportar

(10) Ara "Konsultazzjoni dwar il-Prinċipji ta' Gwida dwar il-Kapaċità Totali Interna ta' Assorbiment tat-Telf ta' G-SIBs" ("*Consultation on Guiding Principles on the Internal Total Loss-Absorbing Capacity of G-SIBs*") (http://www.fsb.org/2016/12/guiding-principles-on-the-internal-total-loss-absorbing-capacity-of-g-sibs-internal-tlac/).

(11) Ara "Konsultazzjoni dwar il-Gwida dwar il-Kontinwità tal-Aċċess għal FMIs għal Ditta f'Riżoluzzjoni" ("*Consultation on Guidance on Continuity of Access to FMIs for a Firm in Resolution*") (http://www.fsb.org/2016/12/guidance-on-continuity-of-access-to-financial-market-infrastructures-fmis-for-a-firm-in-resolution/).

(12) Ara "Prinċipji ta' Gwida dwar il-Finanzjament Temporanju Meħtieġ biex Tiġi Appoġġjata r-Riżoluzzjoni Ordnata ta' Bank Globali ta' Importanza Sistemika (G-SIB)" ("*Guiding Principles on the Temporary Funding Needed to Support the Orderly Resolution of a Global Systemically Important Bank (G-SIB)*") (http://www.fsb.org/2016/08/guiding-principles-on-the-temporary-funding-needed-to-support-the-orderly-resolution-of-a-global-systemically-important-bank-g-sib/).

(13) Ara "Gwida dwar il-Ftehimiet biex Tiġi Appoġġjata l-Kontinwità Operattiva f'Riżoluzzjoni" ("*Guidance on Arrangements to Support Operational Continuity in Resolution*") (http://www.fsb.org/2016/08/guidance-on-arrangements-to-support-operational-continuity-in-resolution/).

(14) Ara "Progress u Passi li Jmiss Lejn it-Tmiem ta' "Kbira Wisq Biex Tfalli (TBTF)" ("*Progress and Next Steps Towards Ending 'Too-Big-To-Fail' (TBTF)*") (http://www.fsb.org/wpcontent/uploads/r_130902.pdf), 2 ta' Settembru 2013.

**Figura 9:** Kumitati, gruppi u gruppi ta' ħidma tal-FSB fil-qasam tar-riżoluzzjoni




konsistenti dwar ir-riżolvibbiltà ta' kull G-SIB, kif ukoll azzjoni miftiehma biex tiġi indirizzata kwalunkwe kwistjoni li jifdal.

Kull sena, l-FSB jippubblika rapport għall-G20 dwar il-progress fir-riżoluzzjoni, li jinkorpora r-rispons tar-riżultati tal-RAP. Fl-2015 sar l-ewwel ċiklu sħiħ għall-G-SIBs kollha, meta l-SRB ma kellux is-setgħat kollha tiegħu.

Fit-tieni RAP tal-2016, l-SRB kellu rwol aktar prominenti. L-SRB kien responsabbli għall-RAP għal tmien G-SIBs ([15]) Ewropej. Imbagħad ir-riżultati kkontribwixxew għar-rapport tal-progress tal-FSB tal-2016 ippubblikat f'Awwissu 2016 qabel il-laqgħa tal-G20 fiċ-Ċina ([16]). Ir-rapport tal-progress wera li x-xogħol tal-ippjanar ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni għamel progress sinifikanti matul l-aħħar snin u enfasizza wkoll l-oqsma ta' ħidma ulterjuri li kienu ġew aċċessati fil-kuntest tal-RAP tal-2016: it-TLAC, il-kontinwità operattiva, l-aderenza għall-protokoll tal-waqfien tar-riżoluzzjoni tal-ISDA (Assoċjazzjoni Internazzjonali għal Skambji u Derivattivi, Inc.), il-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' sistemi ta' informazzjoni.

L-SRB ikkontribwixxa wkoll għall-iżvilupp ta' gwida għal reġim ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni għal CCPs mill-FSB. Wara l-ewwel konsultazzjoni pubblika dwar nota ta' diskussjoni ([17]), fis-sajf tal-2017 se tinħareġ gwida dwar l-ippjanar, l-istrateġiji u l-għodod ta' riżoluzzjoni. F'dan il-kuntest, l-SRB ħa sehem fil-grupp ta' studju konġunt dwar l-Interdipendenzi tas-CCP. Il-ħidma ta' dan il-grupp

([15]) Deutsche Bank, Santander, BNP Paribas, Crédit Agricole, Société Générale, Unicredit, ING u BPCE.

([16]) Ara r-rapport tal-2016 tal-FSB: "Reżiljenza permezz tar-riżolvibbiltà — mixja mit-tfassil tal-politika għall-implimentazzjoni" ("*Resilience through resolvability — moving from policy design to implementation*") (http://www.fsb.org/wp-content/uploads/Resilience-through-resolvability-%E2%80%93-moving-from-policy-design-to-implementation.pdf).

([17]) Ara "Aspetti Essenzjali tal-ippjanar ta' Riżoluzzjoni tas-CCP" ("*Essential Aspects of CCP Resolution Planning*") u "Rapport tal-Progress dwar il-Pjan ta' Ħidma tas-CCP" ("*Progress Report on the CCP Workplan*") (http://www.fsb.org/2016/08/fsb-publishes-discussion-note-on-essential-aspects-of-ccp-resolution-planning-and-progress-report-on-ccp-workplan/).

ta' studju hi rilevanti b'mod speċjali għall-SRB, għaliex ħafna mill-banek taħt il-mandat tiegħu huma membri tal-ikklirjar ta' CCPs ewlenin, li kieku jkunu skoperti għal riskji ta' telf. Min-naħa l-oħra, li kieku membru tal-ikklirjar ifalli jew aktarx ifalli, dan ikollu impatt dirett fuq is-CCPs, b'mod partikolari jekk il-membru jkun membru ta' importanza sinifikanti.

## (II) GĦOTI TA' PARIR LIL ORGANIZZAZZJONIJIET U LIL KORPI INTERGOVERNATTIVI DWAR IL-QAFAS TA' RIŻOLUZZJONI EWROPEW

L-SRB hu kontinwament impenjat biex jagħti parir lill-Bank Dinji, lill-Fond Monetarju Internazzjonali, (FMI) u lin-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-pajjiżi tal-adeżjoni u ta' gvernijiet oħra interessati fil-Qafas ta' Riżoluzzjoni tal-UE.

Wara kooperazzjoni qawwija fl-2015, l-SRB kompla jagħti parir tekniku lill-Bank Dinji fl-2016, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħidma taċ-Ċentru Konsultattiv għas-Settur Finanzjarju (FinSAC), unità teknika li hi parti mill-Prattika Globali tal-Finanzi u tas-Swieq tal-Bank Dinji u li għandha l-għan li twassal parir tekniku u dwar il-politika u servizzi analitiċi lill-pajjiżi klijenti fir-reġjun tal-Ewropa u tal-Asja Ċentrali emerġenti. L-appoġġ tal-SRB għall-Bank Dinji/FinSAC b'mod partikolari ffoka fuq is-servizzi konsultattivi u analitiċi tagħhom relatati mal-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek, kif ukoll fuq l-istabbiltà finanzjarja, il-prevenzjoni tal-kriżijiet u oqfsa makroprudenzjali. L-SRB ikkontribwixxa wkoll l-għarfien espert tiegħu għall-elaborazzjoni tal-pubblikazzjoni ta' Novembru 2016 tal-Grupp tal-Bank Dinji "Fehim tal-Irkupru u tar-Riżoluzzjoni tal-Banek fl-UE: Ktieb ta' gwida għall-BRRD" (*"Understanding Bank Recovery and Resolution in the EU: A Guidebook to the BRRD"*) ([18]). Barra minn hekk, l-SRB ħa sehem fi skambji tal-fehmiet dwar ir-reġimi ta' riżoluzzjoni f'ekonomiji emerġenti.

## (III) PROGRAMM TA' VALUTAZZJONI TAS-SETTUR FINANZJARJU TAL-FOND MONETARJU INTERNAZZJONALI

Fl-2016, l-SRB kompla jżid b'mod kostanti l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Programm ta' Valutazzjoni tas-Settur Finanzjarju (FSAP) tal-FMI f'pajjiżi differenti tal-BU. Fl-2016, l-SRB ħa sehem fl-eżerċizzji tal-FSAP għall-Irlanda, għall-Ġermanja, għan-Netherlands, għall-Finlandja u għal-Lussemburgu. Peress li matul dawn l-avvenimenti l-FMI kien qed jivvaluta wkoll ir-reġimi ta' riżoluzzjoni fil-livelli nazzjonali u tal-UE, l-involviment tal-SRB kien partikolarment importanti biex jiġu ċċarati elementi differenti ta' politika tal-SRM u l-progress miksub fir-rigward tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni għal istituzzjonijiet sinifikanti. L-esperjenza li nkisbet matul dawn l-impenji se tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-FMI matul l-FSAP taż-żona tal-euro, li hi prevista għall-2017.

## (IV) KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI

Fl-2016, l-SRB kien impenjat, b'mod partikolari, fi djalogu mal-Bank Ċentrali tal-Brażil (*Banco Central do Brazil*) fil-kapaċità tiegħu bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-funzjonament tar-reġim tar-riżoluzzjoni fl-UE. Dan hu parti minn djalogu li qed jespandi li l-SRB qed jistabbilixxi mal-ġurisdizzjonijiet kollha tal-G20 fi ħdan jew barra l-Ewropa. Dan l-impenn jista' jinkludi wkoll skambji tal-persunal, kif kien previst mal-Bank Ċentrali tal-Brażil.

---

([18]) http://pubdocs.worldbank.org/en/609571482207234996/FinSAC-BRRD-Guidebook.pdf




## 7.2. Attività regolatorja

Matul l-2016, l-SRB kien fi djalogu kontinwu mal-KE u mal-koleġiżlaturi (il-PE u l-Kunsill) dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti relatati mar-riżoluzzjoni. Dan involva l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe qasam għal titjib fil-leġiżlazzjoni eżistenti (eż. fil-BRRD u fl-SRMR).

### (I) TRASPOŻIZZJONI TAL-FTEHIM TAL-KAPAĊITÀ TOTALI TA' ASSORBIMENT TAT-TELF FIL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UE BĦALA PARTI MILL-PAKKETT TAT-TNAQQIS TAR-RISKJU

Fl-2016, l-SRB ipprovda l-għarfien espert u l-pożizzjonijiet tiegħu lill-KE dwar modi possibbli biex jiġi traspost il-ftehim internazzjonali dwar it-TLAC fil-leġiżlazzjoni tal-UE u tiġi assigurata l-armonizzazzjoni tiegħu mal-leġiżlazzjoni tal-MREL.

Lejn l-aħħar tal-2016 il-KE ressqet proposta leġiżlattiva bħala parti mill-pakkett tat-tnaqqis tar-riskju u l-SRB impenja ruħu mal-KE u mal-Kunsill biex jipprovdi kummentarju tekniku. L-SRB ippreżenta lill-Kunsill numru ta' suġġetti rilevanti tal-politika, inkluż it-tfassil ġenerali tal-proposta, kif ukoll il-preżentazzjoni ta' kummenti aktar dettaljati dwar kwistjonijiet bħar-reviżjonijiet għall-Artikolu 55 rigward ir-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna. L-SRB ser ikompli jwettaq analiżi fuq il-proposta fir-rigward ta' kif tista' taffettwa l-ħidma futura tal-SRB dwar it-titjib tar-riżolvibbiltà fil-BU u ser ikompli jikkontribwixxi għad-diskussjoni dwar kwistjonijiet tekniċi kull meta jkun mistieden.

### (II) RIŻOLUZZJONI DWAR L-INFRASTRUTTURA TAS-SUQ FINANZJARJU

Minkejja li l-infrastrutturi finanzjarji għandhom rwol dejjem aktar importanti fis-swieq Ewropej, fl-UE għad m'hemmx reġim ta' riżoluzzjoni fis-seħħ għal dawk l-entitajiet. L-SRB hu impenjat fil-livelli tal-UE u internazzjonali biex jappoġġja l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam. L-SRB stabbilixxa u ppromwova l-pożizzjoni tal-politika tiegħu fil-forums internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-FSB, u qasam l-għarfien tiegħu mal-korpi tal-UE u internazzjonali. Il-ħidma fuq u l-istabbiliment ta' Qafas ta' Riżoluzzjoni tas-CCP hu importanti għall-SRB, meta jitqies li ħafna mill-banek taħt il-mandat tal-SRB huma membri tal-ikklirjar ta' CCPs.

## (III) SKEMA EWROPEA TA' ASSIGURAZZJONI TAD-DEPOŻITI

L-assigurazzjoni Ewropea tad-depożiti bħalissa hi bbażata fuq regoli armonizzati applikati fi 28 SM taħt id-Direttiva tal-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti (DGS) u l-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali. Għall-kuntrarju tal-ewwel żewġ pilastri tal-BU, it-tielet pilastru għadu mhuwiex ibbażat fuq sistema ċentralizzata iżda jistrieħ fuq il-kunċett tradizzjonali tal-armonizzazzjoni tar-regoli biex jiġi żgurat kamp ta' applikazzjoni komuni u livell ta' assigurazzjoni tad-depożiti (sa EUR 100 000 għal kull persuna għal kull bank).

F'Novembru 2015, il-KE adottat proposta leġiżlattiva għal "Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti" (EDIS), li ġiet diskussa fil-PE u fil-KE matul l-2016.

L-EDIS tipprovdi sistema ċentralizzata ta' garanzija tad-depożiti għall-SM taż-żona tal-euro. Din tkun obbligatorja għall-SM kollha taż-żona tal-euro u — f'konformità mal-SSM u mal-SRM — miftuħa wkoll għal SM mhux taż-żona tal-euro.

Matul l-2016 l-SRB ikkontribwixxa għal dibattiti tekniċi f'dan ir-rigward, u ser ikompli jappoġġja lill-Kunsill, lill-PE u lill-KE f'livell tekniku biex tkompli tiġi żviluppata l-proposta tal-EDIS.

Peress li l-EDIS hi marbuta mill-qrib mal-isforzi fil-livell tal-UE għal aktar konverġenza tar-reġimi ta' insolvenza nazzjonali, għaliex dawn huma relatati mal-banek, u wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill minn Ġunju 2016, l-SRB kompla jagħti appoġġ tekniku lill-Kunsill u lill-KE fir-rigward tal-ħidma tagħhom fuq il-ġerarkija tal-kredituri u l-għodda moratorja.



# 8. KOMUNIKAZZJONIJIET

L-Unità tal-Komunikazzjonijiet għandha l-għan li tappoġġja l-funzjonijiet operattivi ewlenin tal-SRB billi ssegwi dawn l-għanijiet ewlenin li ġejjin:

- li tinkiseb reputazzjoni soda għall-SRB bħala awtorità ta' fiduċja;
- li tinkiseb kooperazzjoni tajba fi ħdan l-UE u lil hinn minnha;
- li tinkiseb aktar viżibbiltà;
- li jinxterdu l-fehmiet u l-politiki tal-SRB;
- li jinbena fehim ċar tas-suġġetti tal-SRB.

L-eżiti prodotti mill-Unità tal-Komunikazzjonijiet jikkontribwixxu b'mod dirett u pożittiv għall-kisba tal-għanijiet ġenerali tal-SRB kif stabbilit fl-istqarrija tal-missjoni tal-Aġenzija. L-Unità tal-Komunikazzjonijiet tipproteġi u ssaħħaħ ir-reputazzjoni tal-SRB u tibni fehim fost il-pubbliku dwar il-kwalitajiet partikolari tal-SRB u dwar il-valur u l-impatt tal-ħidma tiegħu.

Fl-2016, l-SRB kompla jiżviluppa l-funzjoni tal-komunikazzjoni tiegħu bi tliet għanijiet ewlenin:

1. li jforni lill-organizzazzjoni b'għodod xierqa għal attivitajiet konsistenti ta' komunikazzjoni u ta' lħiq, u li jilħaq lil diversi partijiet ikkonċernati biex titjieb il-viżibbiltà tal-SRB fid-diversi SM u lil hinn mill-UE;
2. li jkun ippreparat għal sekwenza ta' azzjonijiet ċara u trasparenti fil-każ ta' riżoluzzjoni jew ta' kriżi;
3. li jtejjeb il-komunikazzjonijiet interni u l-iskambju tal-informazzjoni.

## KISBIET EWLENIN FL-2016

### STRATEĠIJA TA' KOMUNIKAZZJONI ESTERNA

Matul l-2016, l-SRB irreveda l-ewwel verżjoni tal-istrateġija tal-komunikazzjoni tiegħu, f'konformità mal-għanijiet strateġiċi tal-SRB. Din iffokat fuq l-aspetti li ġejjin:

- Kooperazzjoni mal-industrija: fl-2016 ġew organizzati tliet djalogi tal-industrija u dawn ġabru flimkien lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, lil rappreżentanti mill-federazzjoni bankarji Ewropej u nazzjonali mill-BU, NRAs, u lil rappreżentanti mill-KE, mill-BĊE u mill-EBA.
- Relazzjonijiet mal-midja: f'Jannar 2016 saret l-ewwel kolazzjon u konferenza tal-istampa tal-SRB u kienu preżenti diversi rappreżentanti tal-midja. Il-President u l-Viċi-President tal-SRB taw diskorsi li ffukaw fuq il-kisbiet tal-SRB fl-2015, il-Programm ta' Ħidma tal-SRB tal-2016 u l-prijoritajiet tal-SRF. Dan l-avveniment ikkontribwixxa għall-bini ta' relazzjoni b'saħħitha u ta' fiduċja mal-midja, kif ukoll serva ta' sors affidabbli ta' informazzjoni għall-midja. Laqgħat tal-istampa ulterjuri rawmu l-viżibbiltà pubblika tal-SRB.



- L-ewwel konferenza tal-SRB: l-ewwel konferenza tal-SRB "Infasslu d-direzzjoni: inħaddmu r-riżoluzzjoni tal-banek" (*"Charting the course: making bank resolution work"*) — li saret f'April 2016 — ġabret aktar minn 400 parteċipant fi Brussell. Il-konferenza kellha indirizzi tal-ftuħ u diskorsi ewlenin minn Jonathan Hill, il-Kummissarju għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji, u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-KE; Roberto Gualtieri, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-PE; Robert Ophèle, il-Viċi Gvernatur, Banque de France; Martin J Gruenberg, il-President, l-FDIC tal-Istati Uniti; Jon Cunliffe, il-Viċi Gvernatur, BoE. L-avveniment kellu wkoll diskussjonijiet f'panil — mal-industrija, ma' regolaturi u ma' superviżuri — li ffokaw fuq l-ippjanar ta' suċċess fi żminijiet ta' kriżi u l-indirizzar tal-ostakoli, ir-riżolvibbiltà bankarja u l-mezzi biex tiġi ffinanzjata riżoluzzjoni. Il-konferenza tejbet il-viżibbiltà tal-SRB, stabbiliet l-SRB bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-Unjoni Bankarja kif ukoll il-punt ta' referenza għal kwistjonijiet ta' riżoluzzjoni fl-Ewropa.

- Avvenimenti u konferenzi esterni: dawn l-avvenimenti esterni jikkontribwixxu għall-bini tal-preżenza u l-viżibbiltà esterna tal-SRB madwar id-diversi SM u lil hinn mill-UE, kif ukoll ixerrdu s-suġġetti u l-messaġġi ewlenin tal-SRB mill-Membri tal-Bord u mill-Kapijiet tal-Unità.

- Sit web: is-sit web tal-SRB hu mfassal tajjeb, faċli biex jintuża u għandu links utli għal riżorsi oħra. Dan għandu l-għan li jkun parti mill-"ekosistema" tal-Komunikazzjonijiet u ġie żviluppat aktar biex jipprovdi links għall-politika, għall-midja soċjali, għall-blogs, għall-attivitajiet ta' taħdit, għall-istqarrijiet għall-istampa tal-SRB, eċċ., sabiex jirrifletti l-ħidma kontinwa tal-organizzazzjoni.

- Pubblikazzjonijiet: Il-pubblikazzjonijiet tal-SRB jinkludu r-Rapport Annwali tal-2015 tal-SRB, il-Programm ta' Ħidma tal-SRB tal-2016 u l-Introduzzjoni għall-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni. Il-pubblikazzjonijiet kollha jikkontribwixxu biex jingħaddu l-messaġġi ewlenin tal-SRB u tiżdied il-viżibbiltà tal-aġenzija.

- Midja soċjali: l-SRB juża l-midja soċjali biex ixerred il-politiki, il-blogs u l-istqarrijiet għall-istampa tiegħu ppubblikati online. Il-konferenza tal-SRB "#SRB2016" ngħatat promozzjoni fuq il-*wall* ta' Twitter u żiedet in-numru ta' segwaċi tal-SRB fuq Twitter. Il-kont ta' LinkedIn tal-SRB jgħin lill-SRB iżid is-sensibilizzazzjoni tal-postijiet vakanti ppubblikati tiegħu.

## SITWAZZJONIJIET TA' KRIŻI

L-SRB bena fuq l-aqwa prattiki stabbiliti fl-2015 u uża b'mod effettiv il-politiki u l-għodod li ġew iddefiniti biex tiġi żgurata komunikazzjoni interistituzzjonali xierqa. Ittejjeb il-protokoll tal-komunikazzjoni fi kriżijiet, li għandu jiġi attivat f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew waqt riżoluzzjoni bejn l-SRB, il-KE u l-BĊE. Dawn il-protokolli ta' komunikazzjoni jistgħu jkomplu jittejbu permezz tal-implimentazzjoni ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni ta' kriżijiet ("sessjonijiet ta' prattika").

## KOMUNIKAZZJONIJIET INTERNI

L-Unità tal-Komunikazzjonijiet, flimkien ma' oqsma rilevanti oħra tal-SRB bħall-HR, ikkontribwixxew għal inizjattivi biex jitjiebu l-komunikazzjonijiet interni tal-SRB, mhux biss biex jiġi żgurat li l-messaġġi jingħaddu b'mod effettiv għall-funzjonament tajjeb tal-Aġenzija, iżda wkoll biex tiġi żviluppata kultura organizzazzjonali li tippromwovi l-impenn tal-persunal u li tibni ambjent ta' ħidma tajjeb għas-saħħa, li jwassal għal prestazzjoni organizzazzjonali aħjar.

Fl-2016 ittejbu diversi għodod u attivitajiet:

- monitoraġġ tal-midja — aħbarijiet finanzjarji ta' kuljum maqsuma mal-persunal tal-SRB;
- bullettini interni — iċċirkolati kull xahar lill-persunal kollu u jinkludu l-aħħar informazzjoni u żviluppi f'diversi oqsma tal-SRB;
- intranet — jiġi stabbilit SharePoint biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni fi ħdan l-SRB, filwaqt li qed jiġu esplorati wkoll għażliet oħra (fil-proċess);
- Suġġetti tal-HR — koordinazzjoni ma' timijiet interni oħra tal-SRB biex jinxterdu l-kultura u l-valuri tal-SRB.

# 9. FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

**KAXXA 4: X'INHU L-FOND UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI?**

L-SRF ġie stabbilit biex jiżgura l-applikazzjoni effiċjenti tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni mogħtija lill-SRB mill-SRMR. Fi ħdan skema ta' riżoluzzjoni, fil-prinċipju l-SRF jista' jintuża wara li tkun ġiet allokata l-kontribuzzjoni minima ta' 8%, b'mod partikolari:

- jiggarantixxi l-assi jew l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet taħt riżoluzzjoni;
- jislef jew jixtri assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni;
- jagħmel kontribuzzjonijiet għal istituzzjoni tranżitorja u għal veikolu tal-immaniġġjar tal-assi;
- jagħmel kontribuzzjoni għall-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni minflok il-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni tal-obbligazzjonijiet ta' ċerti kredituri f'kundizzjonijiet speċifiċi;
- iħallas kumpens lill-azzjonisti jew lill-kredituri li ġarrbu telf akbar milli kienu jġarrbu taħt proċeduri ta' insolvenza normali.

L-SRF hu magħmul minn kontribuzzjonijiet minn istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti ta' investiment fid-19-il SM parteċipanti fi ħdan il-BU.

## 9.1. Mekkaniżmu tal-kontribuzzjonijiet tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni

Skont l-Artikolu 69 tal-SRMR, sat-tmiem ta' perjodu inizjali ta' tmien snin mill-1 ta' Jannar 2016, l-SRF għandu jilħaq mill-inqas 1% tal-ammont ta' depożiti koperti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fl-SM parteċipanti kollha.

Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 69, 70 u 71 tal-SRMR għandhom jinġabru mingħand entitajiet taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-SRMR mill-NRAs u jiġu ttrasferiti fl-SRF skont il-Ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-SRF (l-IGA).

Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante tal-2016 kif ukoll l-iskeda taż-żmien għall-ġbir jintwerew fil-Figuri 8 u 9 hawn taħt.

## KISBIET EWLENINI FL-2016

- **Kontribuzzjonijiet Ex ante 2015:** f'Jannar tal-2016, l-NRAs trasferew lill-SRF, EUR 4.3 biljun ta' kontribuzzjonijiet ex ante għal-2015 (fosthom IPCs), ikkalkulati skont il-BRRD mill-NRAs.
- **Kontribuzzjonijiet Ex ante 2016:** f'Ġunju 2016, l-NRAs trasferew lill-SRF EUR 6.4 biljun ta' kontribuzzjonijiet ex ante għal-2016 ikkalkulati skont l-SRMR mill-SRB (fosthom l-Impenji ta' Pagamenti Irrevokabbli (IPCs). Sa mill-2016, l-SRB kien responsabbli mill-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante. Għal dan l-iskop, l-SRB japplika l-metodoloġija msemmija fid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/63 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2015/81, li jiggarantixxu ugwaljanza għall-Istati Membri parteċipanti.
- L-SRB żviluppa **soluzzjoni tal-IT** biex ikompli jawtomatizza l-ġbir tad-data meħtieġa biex ikunu kkalkulati l-kontribuzzjonijiet ex ante għall-SRF. Is-sistema, li hija lesta għaċ-ċiklu ta' kontribuzzjonijiet ex ante tal-2017, hija ddisinjata primarjament biex tiffaċilita t-trasferiment ta' data bejn l-SRB u l-NRAs, li jibqgħu l-punti ta' kuntatt għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-kumpaniji ta' investiment fil-ġuridizzjoni tagħhom.

**Figura 10:** Kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2016 — metodoloġija tal-kalkolu




**Figura 11:** Kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-2016 — ħarsa ġenerali lejn l-iskeda taż-żmien



## 9.2. Investiment tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni

Skont l-Artikolu 75 tal-SRMR, l-SRB hu responsabbli għall-investiment tal-kontribuzzjonijiet ex ante li nġabru. Fi tmiem l-2016, l-ammonti miżmuma fl-SRF kienu jilħqu l-EUR 10.78 biljun, li jikkonsistu f'EUR 9.4 billjun fi flus u EUR 1.3 biljun f'IPCs. L-ammonti jinżammu f'kontijiet ta' flus ma' ħames banek ċentrali tal-Eurosistema, f'konformità mal-Istrateġija tal-Investiment Interim adottata mill-Bord fis-Sessjoni Plenarja tiegħu f'Novembru 2015.

### KISBIET EWLENIN FL-2016

- Adozzjoni tal-Istrateġija tal-Investiment: fis-Sessjoni Plenarja tiegħu tal-15 ta' Settembru 2016 il-Bord adotta l-ewwel Strateġija tal-Investiment. Il-bażi legali għall-Istrateġija tal-Investiment tingħata mid-DR (UE) 2016/451, li daħal fis-seħħ f'April 2016. L-Istrateġija tal-Investiment tiddeskrivi kif l-SRB biħsiebu jilħaq l-għanijiet. L-għan tal-investiment hu li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-likwidità u jipproteġi l-valur tal-ammonti miżmuma fl-SRF. Skont iċ-ċirkostanzi tas-suq b'rati tal-imgħax negattivi għal investimenti meqjusa bħala siguri u likwidi, l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-likwidità u l-protezzjoni tal-valur tal-SRF fl-istess waqt jistgħu ma jkunux possibbli taħt ir-restrizzjonijiet stabbiliti fid-DR u fi ħdan l-aptit għar-riskju tal-SRB. Jekk l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-likwidità fi ħdan l-aptit għar-riskju tal-SRB filwaqt li fl-istess ħin ikun protett il-valur nominali tal-SRF ma jkunx possibbli, l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-likwidità se jingħata prijorità.

- Qafas ta' Mmaniġġjar tar-Riskju u Qafas ta' Governanza jissupplimentaw l-Istrateġija tal-Investiment. Il-Qafas għall-Ġestjoni tar-Riskju jagħti ħarsa ġenerali integrata tar-riskji kollha li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' investiment, u kif dawn ir-riskji jitkejlu u jiġu mmaniġġjati. Il-Qafas ta' Governanza jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Bord fis-Sessjoni Plenarja tiegħu u tal-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu. L-Istrateġija tal-Investiment se titħaddem fi Pjan ta' Investiment.

- L-adozzjoni ta' mudell ta' esternalizzazzjoni: fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu, il-Bord iddeċieda li jesternalizza l-attivitajiet ta' mmaniġġjar tal-investimenti, li jinqasmu bejn l-immaniġġjar ta' portafolji u servizzi ta' kustodja, sa fejn ikun possibbli. Fis-27 ta' Ottubru 2016, fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu, il-Bord approva mudell ta' esternalizzazzjoni b'diversi maniġers tal-portafolji u b'kustodju wieħed. L-ikkuntrattar tal-maniġers tal-portafolji ser isir b'mod sekwenzjali, billi l-ewwel jingħata kuntratt lil maniġer tal-portafoll wieħed u mbagħad l-oħrajn jiżdiedu sussegwentement. Il-kompiti ta' investiment jistgħu jiġu esternalizzati biss lil korpi rregolati bil-liġi pubblika, lil banek tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), lil istituzzjonijiet internazzjonali stabbiliti taħt id-dritt internazzjonali pubbliku jew lil istituzzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Sa tmiem Novembru 2016, l-SRB kien daħal f'kuntatt ma' 22 istituzzjoni pubblika magħżula biex jivvaluta l-kapaċità u r-rieda tagħhom li jagħtu servizzi ta' mmaniġġjar tal-portafolji lill-SRB.

- L-ammonti miżmuma fl-SRF baqgħu f'kontijiet tal-flus f'kontijiet ta' banek ċentrali fl-2016: sakemm tiġi implimentata l-Istrateġija tal-Investimenti, l-ammonti se jinżammu f'banek ċentrali. Ir-remunerazzjoni fuq dawn il-kontijiet hi ekwivalenti għar-rata tal-faċilità tad-depożitu tal-BĊE. L-Istrateġija tal-Investiment interim tippermetti l-użu ta' depożiti ta' żmien fiss, iżda din ma kinitx alternattiva xierqa.

# Single resolution fund:

CONSTRUCTION OVER 8 YEARS

## Available funds for initial steps in bank resolution




## Use of the resolution fund — 4 steps




Info-graphic originally designed by the Council of the European Union
http://www.consilium.europa.eu/en/infographics/infographics-srf/

## 9.3. Mezzi alternattivi ta' finanzjament tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni

L-SRB hu responsabbli għall-finanzjament tal-SRF, skont l-Artikoli 72, 73, 74 u 76 tal-SRMR u l-Artikoli 5, 6 u 7 tal-IGA. Fl-2016, l-SRB kompla diskussjonijiet ma' diversi partijiet ikkonċernati dwar mezzi alternattivi ta' finanzjament u aċċess għal faċilitajiet finanzjarji minn sorsi privati u pubbliċi.

### KISBIET EWLENIN FL-2016

- Ftehim ta' finanzjament tranżitorju pubbliku: fl-2016, l-SRB beda l-proċess li jiffirma l-LFAs ma' 16 mit-total ta' 19-il SM parteċipanti, u stabbilixxa l-politika dwar it-Tariffa tal-Impenn, skont il-ftehim ta' finanzjament tranżitorju pubbliku. Dan l-arranġament ikopri — bħala l-aħħar soluzzjoni — nuqqasijiet finanzjarji temporanji għall-prefinanzjament tal-ġbir tal-kontribuzzjonijiet ex post lill-SRF. Sal-bidu ta' Frar 2017, l-SRB kien iffirma LFAs ma' kull wieħed mid-19-il SM tal-BU.
- Garanzija ta' Kontinġenza Komuni: l-SRB jeħtieġ mezzi finanzjarji adegwati f'kull waqt biex jissodisfa l-mandat legali tiegħu fil-każ ta' riżoluzzjoni li tinvolvi l-aċċess għall-SRF. L-SM diġà kienu qablu li se tiġi żviluppata Garanzija ta' Kontinġenza Komuni matul il-perjodu tranżitorju, u li din tibda topera bis-sħiħ mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu tranżitorju, meta r-riżorsi tal-SRF ikunu kompletament mutwalizzati. L-SRB se jagħti appoġġ tekniku lill-SM sabiex jiksbu dan. L-SRB ikkontribwixxa b'mod attiv matul l-2016 fil-laqgħat kollha tat-"task force dwar azzjoni kkoordinata" (TFAK) fil-livell tal-EFC. Fit-tmiem tal-2016, is-suġġett tal-garanzija ta' kontinġenza komuni tniżżel fuq l-aġenda tal-laqgħat tat-TFAK.

# 10. IL-ĠESTJONI TAR-RIŻORSI

## 10.1. Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja ġenerali tal-SRB u mal-ippjanar u mar-rapportar finanzjarji. Hi tkopri wkoll is-superviżjoni u s-salvagwardja tal-operazzjonijiet korretti għall-implimentazzjoni tal-baġit, kif ukoll l-operazzjonijiet tal-kontabbiltà u tat-teżor. Barra minn hekk, l-unità tal-Finanzi timmaniġġja u tagħti parir dwar it-tħejjija, il-bidu, ir-rapportar u l-pubblikazzjoni tal-azzjonijiet ta' akkwist tal-SRB.

Skont il-Kontijiet Finali għall-2016, mil-lat tad-dħul, il-kontribuzzjoni amministrattiva mill-banek (madwar EUR 57 miljun) ġiet rikonoxxuta bħala introjtu sal-livell tal-ispejjeż tal-2016. Min-naħa tan-nefqa, skont it-tabella tal-implimentazzjoni tal-baġit, ġew attribwiti aktar minn EUR 25 miljun lill-persunal, madwar EUR 13-il miljun lil spejjeż amministrattivi oħra (kera, appoġġ tal-ICT, eċċ.) u kważi EUR 19-il miljun lil spejjeż operatorji (l-Anness 15.2).

### INTROJTU

Skont l-SRMR, l-SRB huwa ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-entitajiet taħt il-mandat tiegħu.

Il-kontribuzzjonijiet għall-baġit amministrattiv tal-SRB għall-2016 kienu rregolati mid-DR tal-KE (UE) Nru 1310/2014 dwar is-sistema provviżorja ta' kontribuzzjonijiet.

L-SRB ġabar b'suċċess kontribuzzjonijiet amministrattivi li jammontaw għal EUR 56 673 870.87 fl-2016.

### NEFQA

In-nefqa baġitarja tinkludi ħlasijiet magħmula matul is-sena kif ukoll ir-riport ta' approprjazzjonijiet baġitarji. Il-paragrafi li ġejjin jiġbru fil-qosor l-eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet skont it-titolu. Fl-Anness 15.2 tingħata disaggregazzjoni aktar dettaljata. - Implimentazzjoni tal-Baġit tal-2016.

L-SRB stabbilixxa 289 impenn baġitarju li jammontaw għal total ta' EUR 35 400 937.17 u pproċessa 2 082 pagament li jammontaw għal total ta' EUR 26 367 619.18. Ir-rata tal-implimentazzjoni tal-baġit hi ta' 62.11% għal approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' 46.26% għal approprjazzjonijiet ta' pagament. Fl-2017, l-ammont riportat hu ta' EUR 9 033 317.99 u r-rata ta' riport hi ta' 25.5% tal-approprjazzjonijiet impenjati. Madwar EUR 4 miljun ta' dan l-ammont ġew impenjati fl-aħħar xahrejn tal-2016 u primarjament jikkonċernaw akkwisti tard relatati mal-iżvilupp u mal-manutenzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT).

## TITOLU 1: NEFQA GĦALL-PERSUNAL

Il-baġit adottat għat-Titolu 1 fl-2016 kien ta' EUR 25 235 000.00. L-ammont finali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament użati jammonta għal EUR 17 727 851.94, li jikkorrispondi għal rata ta' eżekuzzjoni ta' 70.25%.

## TITOLU 2: NEFQA GĦALL-INFRASTRUTTURA

Il-baġit adottat għat-Titolu 2 fl-2016 kien ta' EUR 12 801 000.00. Matul is-sena, ġew impenjati EUR 9 048 487.56, li jikkorrispondu għal rata ta' eżekuzzjoni ta' 70.69%. L-ammont finali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament użati jammonta għal EUR 5 920 796.82, li jikkorrispondi għal rata ta' eżekuzzjoni ta' 46.25%.

L-oqsma ewlenin tan-nefqa kienu l-infrastrutturi tal-IT u s-servizzi relatati, il-kiri tal-bini u x-xiri ta' għamara għall-kwartieri ġenerali l-ġodda tal-SRB.

## TITOLU 3: NEFQA OPERAZZJONALI

It-Titolu 3 hu esklussivament għan-nefqa operazzjonali relatata mal-implimentazzjoni tal-SRMR. Il-baġit adottat għat għall-2016 kien ta' EUR 18 964 000.00.

Matul is-sena, ġie impenjat l-ammont ta' EUR 8 025 405.50, li jikkorrispondi għal rata ta' eżekuzzjoni ta' 42.32%. L-ammont finali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament użati jammonta għal EUR 2 718 970.42, li jikkorrispondi għal rata ta' eżekuzzjoni ta' 14.34%.

L-oqsma ewlenin tan-nefqa huma relatati mal-istudji u mal-konsulenza għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Bord, segwit mill-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-ICT, b'mod partikolari biex jiġu appoġġjati l-ippjanar ta' riżoluzzjoni, attivitajiet ta' teħid ta' deċiżjoni u l-amministrazzjoni tal-SRF.



### KISBIET EWLENIN FL-2016

- Emenda tar-Regolament Finanzarju: fis-16 ta' Marzu 2016, il-Bord adotta r-Regolament Finanzjarju emendat li issa jinkludi l-Parti II, "Fond".
- Baġit emendatorju: fl-2016 il-baġit ġie emendat b'suċċess tliet darbiet biex jinkorpora l-kontribuzzjonijiet ex ante addizzjonali għall-SRF, il-bilanċ pożittiv akkumulat u l-linja baġitarja l-ġdida għal ammonti previsti bħala mgħax negattiv.
- Kontribuzzjoni għall-abozzar tal-Istandards ta' Kontroll Intern (ICS) adottati tal-SRB.
- Il-fatturar u l-ġbir b'suċċess tal-kontribuzzjonijiet amministrattivi u ex ante tal-2016 għall-SRF.

### IMGĦAX TA' INADEMPJENZA:

Matul l-2016, l-SRB kellu jħallas imgħax ta' inadempjenza għal tliet talbiet għall-ħlas għal total ta' EUR 1 989.03.

### EŻITU TAL-BAĠIT

L-eżitu tal-baġit hu ta' EUR 21 767 564.35 u se jiddaħħal fil-baġit abbażi tal-approvazzjoni mis-Sessjoni Plenarja f'Ġunju 2017.

## 10.2. Kontijiet Finali tal-2016

Il-Kontijiet Finali tal-2016 jirriflettu l-bidu tal-operazzjonijiet tal-SRF fl-1 ta' Jannar 2016. Peress li l-2016 kienet l-ewwel sena li għaliha t-tranżazzjonijiet tal-SRF ġew inklużi fir-rapporti finanzjarji, kien hemm żieda sinifikanti fit-total ta' assi/obbligazzjonijiet minn EUR 15.69 miljun għal EUR 10.83 billjun.

Il-kontribuzzjonijiet ex ante għall-SRF li nġabru fl-2016 (għall-2015 u l-2016) huma rikonoxxuti bħala dħul (EUR 9.46 biljun). Wara tnaqqis tan-nefqa eliġibbli assoċjata biex dawn il-fondi jinżammu fil-kontijiet tal-banek ċentrali nazzjonali, ir-riżultat finanzjarju tas-sena 2016 (EUR 9.43 biljun) wassal għal assi netti attribwibbli għall-SRB fir-rigward tal-attivitajiet tal-SRF. Dawn ir-riżervi huma mistennija li biż-żmien jakkumulaw minn perjodu finanzjarju wieħed għal dak ta' wara u jirrappreżentaw ir-riżorsi fdati lill-SRB li għandhom jiġu ssalvagwardjati u jintużaw fejn ikun meħtieġ biex jiġu żgurati l-applikazzjoni effiċjenti tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni mogħtija lill-SRB mill-SRMR.

Mil-lat amministrattiv tal-Kontijiet Finali tal-2016, il-kontribuzzjonijiet amministrattivi fatturati u miġbura mill-istituzzjonijiet bankarji (madwar EUR 57 miljun) ġew rikonoxxuti bħala dħul sal-livell tal-ispejjeż amministrattivi u operazzjonali totali biss (EUR 33.96 miljun). Għalhekk, m'hemm l-ebda assi netti li jirriżultaw mill-attivitajiet amministrattivi tal-Bord.

Min-neqfa amministrattiva, 48% hi relatata ma' spejjeż tal-persunal, 16% hi relatata ma' spejjeż operazzjonali tal-IT u 14% hi attribwibbli għall-ispejjeż tal-kera u għall-manutenzjoni tal-bini.

L-IPCs li jammontaw għal EUR 1.35 biljun, li fil-kuntest tal-finanzjament ex ante għall-SRF jirrappreżentaw alternattiva għall-ħlasijiet fi flus, ġew ippreżentati fir-rapporti Finanzarji tal-SRB kif ġej:

- Assi Kontinġenti għall-obbligu tal-ħlas taħt l-IPCs;
- flus miżmuma f'bank (f'kont bankarju distint) kontra obbligazzjoni fit-tul (it-tnejn marbutin mal-kollateral fi flus li jsostni l-impenn taħt l-IPC).

Fl-Anness 15.5, jistgħu jinstabu r-"Rapport tal-Pożizzjoni Finanzjarja" tal-SRB fit-31 ta' Diċembru 2016 u r-"Rapport tal-Introjtu" għall-2016.

Il-kontijiet finali tal-2016 ġew adottati waqt is-Sessjoni Plenarja ta' Ġunju 2017. Ir-rapporti finanzjarji tal-SRB tal-2016 ser ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-SRB fit-tielet kwart tas-sena.

## 10.3. Riżorsi Umani

Minn perspettiva tal-HR, matul l-2016 l-SRB kien għadu fil-fażi tal-bidu tiegħu. Ir-reklutaġġ ta' persunal bi kwalifiki għoljin, sabiex tingħata bażi solida għall-organizzazzjoni l-ġdida, fl-2016 baqgħet fil-qalba tal-attivitajiet tal-HR.




L-HR komplew l-isforzi tagħhom biex jagħmlu progress fir-reklutaġġ u fl-integrazzjoni ta' persunal ġdid, kemm fil-qasam operattiv kif ukoll fil-qasam tal-appoġġ.

Il-ħidma fuq it-tlestija tal-qafas legali u tal-għoti ta' servizzi (eż. amministrazzjoni, tagħlim u żvilupp tal-karriera, eċċ.) tal-HR tal-SRB għamlet progress, bl-għan li jiġi żgurat appoġġ adegwat għal organizzazzjoni żgħira u li qed tikber malajr. L-SRB xorta ser ikun jeħtieġ riżorsi adegwati għas-snin li ġejjin.

### KISBIET EWLENIN FL-2016

- Persunal: l-SRB kompla jiżviluppa, jadotta u jimplimenta l-politiki u s-sistemi tal-HR, u ħadem b'mod estensiv fuq pjan biex jiġu koperti l-ħtiġijiet tal-persunal fuq perjodu medju jew fit-tul sabiex l-organizzazzjoni tkun tista' twettaq il-mandat tagħha b'mod effiċjenti.
- Reklutaġġ intensiv: fl-2016 l-SRB kompla jirrekluta minn listi eżistenti ta' riserva u ppubblika għadd kbir ta' avviżi ta' postijiet vakanti (27 post vakanti għal aġenti temporanji (AT) u post battal wieħed għal espert nazzjonali sekondat (ENS)), sabiex jiżdied il-persunal tal-bidu u gradwalment tintlaħaq il-mira ta' 255 AT sal-aħħar tal-2016. Minbarra Membri tal-Bord, il-livell tal-persunal tal-SRB ammonta għal 164 post. ([19])
- Ġestjoni tat-tkabbir: l-attivitajiet intensivi ta' reklutaġġ fl-2016 ħtieġu żieda fl-isforzi f'termini ta' amministrazzjoni u ta' ġestjoni tal-HR matul is-sena, b'mod partikolari fl-interess li membri

([19]) L-iżvilupp tal-persunal skont il-grad u n-nazzjonalità bejn l-2015 u l-2016 jingħata fl-Anness 14.5 u 14.6.



ġodda tal-persunal jiġu integrati malajr. L-iżvilupp u t-trawwim ta' kultura korporattiva fl-SRB, abbażi tal-viżjoni u tal-valuri komuni adottati mill-Aġenzija, ukoll kienu ċentrali biex it-tkabbir tal-organizzazzjoni jiġi mmaniġġjat. Bħal fl-2015, f'Ottubru 2016 sar avveniment speċjali mill-HR għall-impjegati ("Il-Bini tal-SRB" ("*Building the SRB*")), meta l-persunal tal-SRB kien kiber għal madwar 150.

- Adozzjoni ta' qafas legali u politiki tal-HR: bħala Aġenzija tal-UE, f'termini tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal, id-dokumenti ta' referenza ewlenin tal-SRB huma r-Regolamenti tal-Persunal tal-UE u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS). It-testi legali ewlenin f'dan il-qasam ġew adottati. L-SRB kompla jaħdem biex jitlesta l-qafas legali applikabbli għall-persunal tiegħu billi jiżviluppa regoli ta' implimentazzjoni għal dawn ir-Regolamenti tal-Persunal. Fl-2016 ġew żvilupatti wkoll politiki speċifiċi tal-HR li jirriflettu l-ħtiġijiet tal-SRB, saru l-elezzjonijiet tal-Kumitat tal-SRB fir-raba' kwart u l-Kumitat tal-Persunal ġie elett f'Diċembru.
- Żvilupp ulterjuri tal-qafas inizjali tat-tagħlim u tal-iżvilupp (L&D): dan ġie adottat aktar mill-SRB sabiex jiġu definiti u koperti l-ħtiġijiet inizjali tat-taħriġ u tal-iżvilupp tal-persunal tal-SRB. Dan se jiġi emendat biż-żmien biex jirrifletti l-evoluzzjoni tal-organizazzjoni.

## 10.4. Akkwisti

Il-pjan tal-akkwisti annwali għas-sena 2016 ġie ppreparat skont ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-akkwisti ġenerali tal-UE. Il-perjodu tar-rapportar ta' dan l-"iskrinjar" tal-akkwisti hu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016. L-iskrinjar reali tal-qasam tal-akkwisti tal-SRB li sar fl-2016 ikkonferma l-importanza tal-politika tal-Bord sabiex tkompli l-konċentrazzjoni fuq l-attivitajiet operazzjonali fl-oqsma ta' politika ta' prijorità, bl-għan li jinkiseb titjib fl-effiċjenza. Matul l-2016, l-SRB akkwista b'suċċess is-servizzi u l-oġġetti kollha meħtieġa, kif mitlub mill-unitajiet differenti.

Saru verifiki tal-bidu u ex-ante tal-impenji legali kollha. Inħolqu madwar 170 fajl u dawn ġew ivverifikati mill-akkwist u tħejjew u tnedew 24 proċedura ta' akkwist. Diversi MtQs, Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz u CoAgs li tħejjew mit-tim tal-akkwisti ġew iffirmati mal-KE u ma' entitajiet pubbliċi oħra. F'dan il-kuntest, mill-Pjan tal-Akkwisti mħabbar tal-Programm ta' Ħidma tal-2016,

l-unitajiet tan-negozju talbu li fl-2016 jitniedu żewġ offerti miftuħa. Barra minn hekk, it-tim tal-akkwisti nieda 19-il proċedura negozjata b'valur baxx u ħames proċeduri speċjali negozjati għal servizzi legali. Barra minn hekk, tniedu tmien fetħiet mill-ġdid tal-kompetizzjoni taħt il-Kuntratt Qafas biex jingħata parir dwar il-valutazzjoni ekonomika u finanzjarja, u parir legali. Fl-aħħar nett, sar użu estensiv mill-kuntratti qafas tal-KE.

## 10.5. Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

Sistema effettiva tal-ICT hi ċentrali għall-SRB, għaliex il-kompiti ewlenin tiegħu jeħtieġu l-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' data sensittiva, li min-naħa tagħhom jeħtieġu inftrastruttura solida u sigura tal-ICT. Is-sena 2016 kienet ta' sfida għat-tim tal-ICT tal-SRB. Madankollu, intlaħqu l-għanijiet ewlenin stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma tal-2016, sar progress fl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-ICT u ma seħħ l-ebda inċident (tas-sigurtà) kbir.

### KISBIET EWLENIN FL-2016

- Żgurar li l-infrastruttura tal-ICT hi operattiva fil-bini l-ġdid: inbena ċentru tad-data ġdid fil-post il-ġdid, li jippermetti lill-SRB jimmaniġġja l-ICT tiegħu b'mod indipendenti. Il-proġett kellu jiġi finalizzat taħt pressjoni kbira ta' żmien biex jippermetti lill-Aġenzija tidħol fl-uffiċċji l-ġodda tagħha fil-ħin. Fl-aħħar, ir-rilokazzjoni kellha tiġi posposta ikunu jistgħu jsiru l-ittestjar u aġġustamenti addizzjonali, u biex tiġi żgurata infrastruttura tal-ICT li taħdem tajjeb għall-persunal kollu. Minbarra ċ-ċentru tad-data, ġew stabbiliti konnessjonijiet siguri tan-netwerk mal-KE u mal-BĊE. Dawn ipprovdew lill-SRB b'aċċess kontinwu għas-sistemi amministrattivi tal-KE (SYSPER għall-immaniġġjar tal-HR, EU-Learn għat-taħriġ, ARES għall-ġestjoni tad-dokumenti, ABAC għall-amministrazzjoni finanzjarja u l-ġestjoni tal-inventarji, u MIPS għall-ġestjoni tal-missjonijiet). L-SRB hu l-ewwel Aġenzija tal-UE li ngħatat permess tkompli tuża dawn l-għodod kollha wara li bdiet topera b'mod indipendenti mill-KE. L-SRB juża wkoll l-għodda DARWIN tal-BĊE għat-trasferiment sigur tad-data u tad-dokumenti.

- Żvilupp ta' sistemi ġodda tal-SRB: meta l-SRB sar indipendenti mill-KE fil-qasam tal-ICT (jiġifieri fiż-żmien taċ-ċaqliq tiegħu għall-bini l-ġdid), hu nieda l-użu ta' numru ta' applikazzjonijiet, inkluż ambjent tal-post elettronika tiegħu stess, sit SharePoint tiegħu stess u applikazzjonijiet ta' telekomunikazzjoni integrati tiegħu stess. Dawn l-applikazzjonijiet se jiġu personalizzati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-SRB matul is-snin li ġejjin. L-SRB nieda wkoll diversi proġetti biex jiżviluppa sistemi li jsostnu l-kompiti ewlenin tal-Aġenzija. Il-proġetti ewlenin iffokaw fuq is-sistema tal-ġbir tal-kontribuzzjonijiet għall-SRF, u l-proġett tal-LDT għar-riżoluzzjoni. Bdew ukoll it-tħejjijiet għal proġetti tal-ICT li jappoġġaw l-ippjanar ta' riżoluzzjoni u l-immaniġġjar ta' kriżijiet, il-ġbir tal-kontribuzzjonijiet amministrattivi tal-SRB, u sistema mtejba għall-ġestjoni elettronika tad-dokumenti u tar-rekords. Lejn l-aħħar tal-2016, ġew stabbiliti strateġija tal-ICT u pjan ta' ħidma tal-ICT għall-2017, u t-tnejn li huma se jiġu żviluppati aktar kmieni fl-2017.

- Ġestjoni sigura tal-informazzjoni: fl-2016, kompliet il-ħidma fuq il-ħolqien ta' ambjent sigur għad-data sensittiva li hi meħtieġa għal riżoluzzjoni. Iċ-ċentru tad-data l-ġdid u l-infrastruttura interna tal-SRB huma protetti sew. Kompliet il-ħidma fuq il-ħiliet tal-organizzazzjoni biex tikkomunika b'mod sigur ma' partijiet oħra, u fuq il-kapaċitajiet esterni ta' riżerva.

## 10.6. Faċilitajiet

F'Marzu u f'April 2016, l-SRB mexa mit-tliet postijiet temporanji tiegħu fil-Kwartier Ewropew għall-bini tiegħu li għadu kif ġie akkwistat fiċ-ċentru ta' Brussell (Treurenberg 22).

Matul is-sena it-tim tal-Faċilitajiet ħadem mill-qrib mas-sid tal-bini l-ġdid tal-SRB, ma' numru ta' kuntratturi u mal-KE biex jottimizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-bini li għadu kif jinbena.

### KISBIET EWLENIN FL-2016

- Ġestjoni tas-sitwazzjoni temporanja: fil-bidu tal-2016, il-ġestjoni ta' tliet postijiet differenti u l-livelli dejjem jogħlew ta' persunal ħtieġu kreattività u flessibbiltà konsiderevoli, kemm mit-tim tal-Faċilitajiet kif ukoll mill-persunal tal-SRB. Finalment, is-sitwazzjoni ġiet ġestita b'mod sodisfaċenti u f'April 2016 il-persunal kollu seta' jimxi fil-bini stess tal-SRB.
- Tħejjija tal-bini l-ġdid: il-bini l-ġdid f'Treurenberg 22 fiċ-ċentru ta' Brussell inbena fl-2015 u fl-2016, u ġie aġġustat speċifikament għall-ħtiġijiet funzjonali u ta' sigurtà tal-SRB. Ix-xogħlijiet saru fi ħdan il-baġi allokat.
- Ġestjoni tal-bini l-ġdid: iċ-ċaqliq għall-bini l-ġdid ġie organizzat biex iseħħ f'erba' mewġiet. L-ewwel laqgħat (internazzjonali) kbar saru fil-bini l-ġdid eżatt qabel is-sajf tal-2016. L-SRB ffirma CoAG mal-KE, li ser jippermettilu juża numru ta' servizzi esternalizzati tal-KE matul is-snin li ġejjin, inkluż sigurtà/gwardjani, tindif, manutenzjoni u *catering*.



(Treurenberg 22 - ASSAR architects)

# 11. GOVERNANZA

## 11.1. Tilwim

Il-kompiti tas-Servizzi Legali tal-SRB jistgħu jinqasmu f'żewġ oqsma ewlenin: (i) l-għoti ta' parir legali intern; u (ii) it-trattament ta' proċedimenti ta' tilwim. Il-kompiti ewlenin li saru fl-2016 huma deskritti hawn taħt.

### GĦOTI TA' PARIR LEGALI

Fl-2016, is-Servizzi Legali tal-SRB taw parir legali fir-rigward ta':

- kwistjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni, b'mod partikolari pariri ta' kuljum dwar l-attivitajiet tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni;
- kwistjonijiet relatati mal-SRF;
- kompiti "mhux tal-qalba", eż. fl-oqsma tal-akkwist, tal-finanzi u tal-HR;
- diversi inizjattivi u reviżjonijiet leġiżlattivi.

### PROĊEDURI TA' TILWIM

Fl-2016, is-Servizzi Legali tal-SRB iddefendew il-pożizzjoni legali tal-SRB fil-proċeduri ta' tilwim, li jikkonsistu f':

- Kawżi miftuħa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: fl-2016, ġew ippreżentati disa' azzjonijiet legali kontra l-SRB quddiem il-Qorti. Dawn l-azzjonijiet ġew ippreżentati minn banek u kienu relatati mal-kontribuzzjonijiet ex ante tagħhom tal-2016 lill-SRF.
- Appelli ppreżentati lill-Bord tal-Appell: fl-2016, ġew ippreżentati 14-il appell lill-Bord tal-Appell, li minnhom 13 ġew iddikjarati bħala inammissibbli. L-appell li fadal ġie ppreżentat minn bank u kien relatat mal-kontribuzzjoni amministrattiva tiegħu lill-SRB.

## 11.2. Segretarjat Korporattiv

Skont l-Artikolu 43(5)(d) tal-SRMR, ir-responsabbiltà ewlenija tas-Segretarjat Korporattiv (CS) hu li jappoġġja lill-Bord biex iwettaq il-kompiti tiegħu. Dan jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal, l-għoti ta' appoġġ lill-Aġenzija fl-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet li jeħtieġu l-attenzjoni ta' korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-organizzazzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż il-puntwalità u l-preċiżjoni tiegħu, biex id-deċiżjonijiet ikunu validi u legalment vinkolanti.

Taħt l-SRMR, il-Bord jopera u jieħu deċiżjonijiet f'żewġ kompożizzjonijiet differenti: is-Sessjoni Eżekuttiva u s-Sessjoni Plenarja. F'dawn iż-żewġ sessjonijiet, il-Bord jikkostitwixxi korpi differenti

b'kompiti separati u b'kompetenzi esklussivi. Is-Sessjonijiet Plenarji jsiru madwar sitt darbiet fis-sena u s-Sessjonijiet Eżekuttivi jsiru madwar darba fix-xahar. L-SRMR jipprevedi wkoll il-parteċipazzjoni ta' NRAs rilevanti f'Sessjoni Eżekuttiva Estiża meta tkun qed issir deliberazzjoni fuq entità, grupp ta' entitajiet jew fuq grupp transfruntier stabbilit fl-Istati Membri parteċipanti, l-SRMR jipprevedi wkoll il-parteċipazzjoni ta' NRAs rilevanti fil-deliberazzjonijiet tas-Sessjonijiet Eżekuttivi.

### KISBIET EWLENIN FL-2016

- Is-CS ikkoordina ħames Sessjonijiet Plenarji, flimkien ma' żewġ Sessjonijiet Plenarji addizzjonali b'attenzjoni partikolari għall-baġit u għall-Programm ta' Ħidma.
- Ġew organizzati għaxar Sessjonijiet Eżekuttivi, flimkien ma' seba' Sessjonijiet Eżekuttivi Estiżi dedikati għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet relatat mal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-2016.
- Ġew ikkoordinati aktar minn 65 proċedura bil-miktub, minflok il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' laqgħa fiżika. Dawn inkludew deċiżjonijiet tas-Sessjoni Eżekuttiva u tal-RC dwar il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-2016.
- Barra minn dan, is-Segretarjat Korporattiv ħadem biex jirfina l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, indirizza kwistjonijiet ta' governanza u kompla jagħti appoġġ lill-Bord tal-Appell tal-SRB, li hu strettament indipendenti u ttratta l-ewwel każijiet tiegħu fl-2016.

## 11.3. Konformità

Minbarra l-involviment tiegħu f'valutazzjonijiet tal-konformità formali u informali speċifiċi u biex jirrispondi għal mistoqsijiet speċifiċi relatati mal-konformità, it-Tim tal-Konformità għamel diversi azzjonijiet biex jibni funzjoni ta' verifika tal-konformità soda u effettiva mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-SRB bħala Aġenzija tal-UE. B'mod partikolari, it-tim għall-konformità kien involut f'dawn li ġejjin:

- Hu adotta politiki, gwidi u proċeduri ta' konformità tal-SRB, b'mod partikolari il-Politika tal-Iżvelar ta' Informazzjoni Protetta tal-SRB; il-Politika tal-Protezzjoni tad-Data tal-SRB; il-Politika tal-Għotja, tal-Vantaġġi u tal-Ospitalità tal-SRB; il-Linji Gwida tal-Aġenda Pubblika tal-SRB; il-Politika tal-Kunfidenzjalità tal-SRB; u l-proċedura tal-SRB għat-tneħħija (*off-boarding*) tal-membri tal-persunal.
- Hu tejjeb il-funzjoni tal-verifika tal-konformità, fejn l-azzjonijiet varjaw mill-istabbilimient u l-ġestjoni tal-kaxxa postali tal-konformità tal-SRB għall-istabbiliment ta' struttura biex jinġabru u jiġu ssorveljati r-rekwiżiti tar-rapportar u l-komunikazzjoni applikabbli għall-membri tal-persunal kollha tal-SRB. F'Settembru 2016, il-membri tal-Bord tal-SRB approvaw il-Valutazzjoni tar-Riskju tal-SRB tal-2016 u l-Pjan ta' Konformità tal-SRB tal-2016-2017. It-Tim għall-Konformità, f'koordinazzjoni mat-Tim tal-HR, żviluppa l-Pakkett ta' Merħba ta' Konformità għall-impjegati l-ġodda.
- Hu ssorvelja l-obbligi ta' rapportar mill-membri tal-persunal kollha tal-SRB dwar ir-rapportar ta' kwalunkwe attività li ssir 'il barra mill-SRB, kif ukoll dwar ċerti tranżazzjonijiet finanzjarji. Għal dan l-għan, ingħata taħriġ obbligatorju lill-membri tal-persunal kollha tal-SRB u ġie ppubblikat bullettin speċifiku.
- Hu pprovda lill-persuna b'kampanji ta' sensibilizzazzjoni u b'taħriġ. Matul is-sena t-Tim għall-Konformità nieda bullettini dwar suġġetti speċifiċi dedikati għall-politiki tal-konformità

l-kbar, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-data, l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, l-obbligi ta' rapportar, u d-donazzjonijiet, il-vantaġġi u l-ospitalità. Tqassam xi materjal viżiv (jiġifieri kartelluni) fil-bini tal-SRB. Finalment, it-Tim għall-Konformità ipparteċipa f'sessjonijiet ta' induzzjoni għall-impjegati l-ġodda.

It-Tim għall-Konformità appoġġja wkoll l-abbozzar tal-ICS tal-SRB u l-Pjan ta' Implimentazzjoni korrispondenti tal-ICS tal-SRB għall-2017.

## 11.4. Awditjar intern

L-awditjar intern tal-SRB beda l-ewwel fi Frar 2016 wara l-ħatra tal-Awditur Intern tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea bħala l-Awditur Intern Interim. Il-parti l-kbira tal-2016 kienet iddedikata għall-abbozzar tal-Karta tal-Awditjar Interna, għar-reklutaġġ tal-Awditur Intern permanenti u għall-abbozzar ta' pjan tal-awditu għall-aħħar xhur tal-2016. L-Awditur Intern attwali ngħaqad mal-SRB f'Ottubru 2016.

F'konformità mal-Pjan tal-Awditjar Intern tal-2016, it-Tim tal-Awditjar Intern beda bl-awditi tal-assigurazzjoni dwar il-missjonijiet u l-akkwist f'Ottubru u f'Novembru 2016, rispettivament.

L-awditu dwar il-missjonijiet irriżulta f'rakkomandazzjoni waħda ta' prijorità għolja, li għaliha l-maniġment abbozza pjan ta' azzjoni.

L-awditu dwar l-akkwist kien għadu ma tlestiex sal-aħħar tal-2016.

## 11.5. Awditjar estern

Il-QEA tirrapporta dwar il-kontijiet annwali tal-SRB kull sena finanzjarja, li tinkludi l-produzzjoni ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom. Barra minn hekk, il-QEA tista' twettaq awditi tal-prestazzjoni li jirriżultaw f'rapporti speċjali.

Fl-2016, il-QEA bdiet awditu tal-prestazzjoni fuq l-SRB b'attenzjoni fuq l-istabbiliment u t-tħejjija biex tiġi ġestita riżoluzzjoni ta' bank. L-awditu kompla fl-2017.

Barra minn hekk, il-kontijiet annwali huma awditjati minn awditu estern indipendenti.

# 12. BORD TAL-APPELL

Skont l-Artikolu 85 tal-SRMR, l-SRB, fl-2015, stabbilixxa Bord tal-Appell sabiex jittieħdu deċiżjonijiet dwar appelli ppreżentati kontra deċiżjonijiet li ttieħdu mill-SRB. Il-Bord tal-Appell hu magħmul minn ħames Membri u żewġ Supplenti. F'Ottubru 2016, is-Sa Hélène Vletter-van-Dort irriżenjat minn President għal raġunijiet personali. Il-Bord tal-Appell ħatar lis-Sur Christopher Pleister bħala l-President il-ġdid. Fl-istess waqt, ġie miftiehem li s-Sa Hélène Vletter-van-Dort issir Supplenti u li s-Sur Luis Silva Morais isir Membru. Is-Sur Yves Herinckx (Viċi-President), is-Sur Kaarlo Jännäri u s-Sur Marco Lamandini baqgħu Membri u s-Sa Eleni Dendrinou-Louri baqgħet Supplenti.

Fit-18 ta' Marzu 2016, ġew ippubblikati r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord tal-Appell fit-taqsima tal-Bord tal-Appell tas-sit web tal-SRB u għalhekk daħlu fis-seħħ. Ir-Regoli tal-Proċedura ġew adottati skont l-Artikolu 85(10) tal-SRMR. Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Bord tal-Appell huma regoli organizzazzjonali u operattivi, inkluż dwar kif jitressaq appell u l-proċedura sussegwenti ta' kawża tal-appell quddiem il-Bord tal-Appell.

Fl-2016 ġie ppreżentat total ta' 14-il appell lill-Bord tal-Appell. Dawn l-appelli kollha ġew ippreżentati minn banek. Appell wieħed kien relatat ma' kontribuzzjonijiet amministrattivi lill-SRB. Ir-riżultat ta' dan l-appell ikkonferma d-deċiżjoni tal-SRB dwar il-kontribuzzjoni tal-2015 ta' dan il-bank, iżda wassal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tal-2016 ta' dan il-bank jeħtieġ li tiġi emendata. Tlettax-il appell kienu relatati mal-kontribuzzjonijiet ex ante tal-2016 lill-SRF. Dawn l-appelli ġew iddikjarati bħala inammissibbli mill-Bord tal-Appell.

Il-Bord tal-Appell hu appoġġjat minn Segretarjat, li jikkonsisti f'żewġ membri u f'assistent. Mil-lat organizzattiv is-Segretarjat hu separat mill-funzjonijiet l-oħra tal-SRB u, f'dan ir-rigward, ġew stabbiliti *Chinese walls*. Is-Segretarjat jappoġġja l-Bord tal-Appell fl-organizzazzjoni tal-laqgħat wiċċ imb wiċċ u t-telekonferenzi semiannwali u straordinarji, u fis-segwitu ta' dawn. Is-Segretarjat jappoġġja l-President tal-Bord tal-Appell u jimmaniġġja t-talbiet tal-Membri individwali tal-Bord tal-Appell. Barra minn dan, is-Segretarjat jagħti appoġġ fl-azzjonijiet proċedurali tal-kawżi ta' appell u jagħti kontribut materjali fejn ikun meħtieġ. Finalment, ġie stabbilit portal (bażi tad-data) separat għall-Bord tal-Appell (biex jiffirma, jissejvja u jaħżen id-dokumentazzjoni), biex tkompli tittejjeb u tiġi implimentata l-indipendenza tal-Bord tal-Appell. Is-Segretarjat hu responsabbli għall-funzjonament tajjeb u l-aġġornament kostanti ta' dan il-portal.



# 13. RAPPORT MILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI RIGWARD L-2015

L-SRB jiġi awditjat kull sena mill-QEA. Il-QEA tipprovdi Rapport dwar il-kontijiet annwali inkluża Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li tikkonsisti f'opinjoni dwar il-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-SRB u opinjoni oħra dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħt dawk il-kontijiet.

Fl-2016, il-QEA ħarġet opinjoni tal-awditjar mingħajr riżervi fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar il-kontijiet annwali tal-SRB tal-2015, li tiddikjara li:

- il-kontijiet annwali tal-SRB jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2015 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar;
- fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Il-QEA għamlet ukoll numru ta' kummenti, li ma affettwawx l-opinjoni tagħha. Dawn il-kummenti u r-rispons tal-Bord jistgħu jinstabu fir-rapport sħiħ tal-QEA (http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SRB_2015/SRB_2015_MT.pdf).

Wara l-awditu mill-QEA, il-kontijiet tal-SRB ġew awditjati minn awditur finanzjarju estern, jiġifieri, kumpanija privata tal-awditjar, u din l-opinjoni esterna tal-awditjar ġiet inkorporata fil-konklużjonijiet tal-QEA.

L-opinjoni tal-QEA dwar il-Kontijiet Annwali tal-2016 se tiġi ppubblikata fl-2017, mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru. Imbagħad se tiġi ppubblikata u inkluża fir-Rapport Annwali tal-2017.

# 14. DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

Jien, hawn taħt iffirmata, Elke König, President tal-Bord u Maniġer tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal awtorizzanti:

Niddikjara li l-informazzjoni inkluża f'dan ir-rapport tagħti stampa vera u ġusta. ([20])

Niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop intiż tagħhom u b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa f'dak li għandu x'jaqsam mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Nikkonferma li ma naf b'xejn li mhuwiex irrapportat hawnhekk li jista' jkun ta' dannu għall-interessi tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hija bbażata fuq il-ġudizzju tiegħi stess u fuq l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni u l-verifiki tal-kontroll ex-post li saru matul is-sena.

Brussell, it-22 ta' Ġunju 2017

**Elke König**

Il-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

([20]) F'dan il-kuntest stampa ġusta tfisser stampa affidabbli, kompleta u korretta dwar is-sitwazzjoni fis-servizz.

# 15. ANNESSI

## 15.1. Organigramma



# 15.2. Implimentazzjoni tal-baġit tal-2016

**PARTI I – It-Titoli Kollha – It-Tipi Kollha ta' Kreditu**

## TITOLU I: NEFQA GĦALL-PERSUNAL

| Linja Baġitarja | Deskrizzjoni tal-Linja Baġitarja | Ammont tat-Tranżazzjoni tal-Approprjazzjoni tal-Impenn (1) | Ammont tal-Impenn Eżegwit (2) | % Impenjat (2)/(1) | Ammont tat-Tranżazzjoni tal-Approprjazzjoni tal-Pagament (3) | Ammont tal-Pagament Eżegwit (4) | % Imħallas (4)/(3) | RAL* (C8) Riportat (2)-(4) | Ikkanċellat (1)-(2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A01100 | Salarji bażiċi | 12 965 000.00 | 10 811 891.13 | 83.39 | 12 965 000.00 | 10 811 891.13 | 83.39 | 0.00 | 2 153 108.87 |
| A01101 | Benefiċċji tal-familja | 1 137 000.00 | 909 799.40 | 80.02 | 1 137 000.00 | 909 799.40 | 80.02 | 0.00 | 227 200.60 |
| A01102 | Benefiċċji ta' espatrijazzjoni u ta' residenza barranija | 1 580 000.00 | 1 242 352.31 | 78.63 | 1 580 000.00 | 1 242 352.31 | 78.63 | 0.00 | 337 647.69 |
| **A-110** | **Somma:** | **15 682 000.00** | **12 964 042.84** | **82.67** | **15 682 000.00** | **12 964 042.84** | **82.67** | **0.00** | **2 717 957.16** |
